# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 956/2013 MH**

**Illum, 1 ta' April, 2022**

**Oswald Caruana (K.I. 371580M)**

**vs**

**Sandro Mamo (K.I. 93580M), Jonathan Mamo (K.I. 400482M) u J & S Catering Services Ltd (C 53232) għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur Oswald Caruana tal-4 t'Ottubru 2013** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*Jesponi bir-rispett:*

*1. Illi s-soċjeta' konvenuta J & S Catering Services Ltd. (C 53232), "Block D Flat 11, Triq San Mark, San Giljan VLT 03, minn hawnhekk 'il quddiem msejha J & S; kienet topera r-restoranti bl-isem Browns Kitchen, 'Vault Erbgħa, Valletta Waterfront street, Floriana' u Browns Dine and Dance 'Vault Tlieta, Valletta Waterfront street, Floriana' meta verbalment impjegat lir-rikorrenti b'kuntratt*

*definit ta' tlett (3) snin u nofs, fil-posizzjoni ta' full time Head Chef gewwa l-kċina komuni taż-żewg restoranti.*

*2. Illi s-soċjeta' konvenuta J & S wegħdu lir-rikorrent paga u ħamsin elf Ewro għal-impjieg tiegħu ta' tlett snin u nofs fir-restoranti Browns Kitchen u Browns Dine and Dance, liema somma giet garantita permezz ta' ċekk ta' ħamsin elf Ewro (€50,000) maħrug mir-representant legali tagħhom, l-Avukat Shaheryar Ghaznavi, iddatat l-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tnax (2012), hawnhekk anness u mmarkat bħala 'Dokument A'.*

*3. Illi l-kuntratt tas-servizz definit ta' tlett (3) snin u nofs beda jidekkorri fit-tielet (3) ta' Frar elfejn u tnax (2012), u s-soċjeta' konvenuta J & S halset lir-rikorrenti ħamsa u għoxrin-elf Ewro (€25,000) mis-somma mwegħda lilu.*

*4. Illi r-rikorrenti laqqa' lis-soċjeta' konvenuta J & S mal-konvenuti Sandro Mamo (93580M) u Jonathan Mamo (400482M) lkoll flimkien minn hawnhekk 'il quddiem msejħa l-konvenuti Mamo, u ghamel ukoll ix-xogħol ta' sensal fir-rigward it-trasferiment tal-kummerċ ta' Browns kitchen u Browns Dine and Dance bejn is-soċjeta' konvenuta J & S bhala bejjiegħa u l-konvenuti Mamo bhala x-xerrejja, liema trasferiment gie effetivament konluż u eżegwit bis-sahha tas-servizzi u l-intromissjoni moghtija mill-esponenti.*

*5. Illi in oltre, it-trasferiment tal-kummerc kien jinkorpora r-relazzjonijiet kuntrattwali li kienu gia ezistenti mal-impjegati tal-istess negozju, u dan kien b'hekk jinkludi l-ammont dovut li kellha thallas is-soċjeta konvenuta J & S, lir-rikorrent.*

*6. Illi gie miftihem ukoll bejn il-partijiet illi l-konvenuti Mamo jhalsu lir-rikorrenti għaxart elef Ewro tas-senserija.*

*7. Illi madanakollu, il-konvenuti Mamo naqsu milli jaffetwaw il-hlas dovut fir-rigward tas-senserija fuq in-negozju surreferit u milli jonoraw l'obbligi kuntratwali li assumew mingħand s-socjeta' konvenuta J & S, billi naqsu milli jħalsu l-ammont dovut li assumew bit-trasferiminet tal-kummerc surrefterit u billi in oltre, b'mod illegali u abbużiv itterminaw unilateralment l-impjieg tar-rikorrent, fl-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013), mingħajr ebda raguni valida jew pre-avviż hekk kif stipulat fil-liġi.*

*8. Illi inoltre, l-konvenuti Mamo naqsu ukoll milli jhallsu lir-rikorrent il-paga tal-ahhar xahar li fih ir-rikorrent hadem bħala Head Chef ġewwa r-restoranti Browns Kitchen u Browns Dine and Dance, jigifieri l-konvenuti Mamo naqsu milli jħallsu lir-rikkorent il-paga tax-xahar ta' Jannar elfejn u tlettax (2013);*

*9. Illi minkejja diversi interpellazjonijiet, il-konvenuti Mamo naqsu milli jħallsu s-somma dovuta lir-rikorrent u b'hekk kellha tinfetah din il-kawża.*

*Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu premess u ghar-ragunijiet previa, l-esponent jitlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħgobha:*

*i.Tiddikjara ai termini ta' qbil bejn il-partijiet, il-konvenuti jew minn minhom, huma responsabbli li jħallsu lir-rikorrent is-senserija dovuta in konnessjoni mat-trasferiment tal-kummerċ tar-restoranti bl-isem Browns Kitchen li jinsab sitwat f'Vault bin-numru 'Erbgħa, Triq Valletta Waterfront, Floriana' u Browns Dine and Dance li jinsab sitwat f'Vault bin-numru 'Tlieta, Triq Valletta Waterfront, Floriana', liema trasferiment seħħ bejn is-soċjeta' konvenuta J & S Catering Services Ltd. (C 53232) bħala l-bejjiegħa, u l-konvenuti Sandro Mamo (93580M) u Jonathan Mamo (400482M) bħala x-xerrejja;*

*ii.Tordna l-ħlas tas-senserija dovuta lir-rikorrent in konnessjoni mat-trasferiment tal-kummerċ 'Browns Kitchen' u 'Browns Dine and Dance' hekk likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*iii.Tiddikjara u tordna lill-konvenuti jew minn minhom, li huma għandhom jħallsu lir-rikorrent id-djun dovuti lilu in konnesjoni mal-impjieg tiegħu bhala Head Chef fir-restoranti 'Browns Kitchen' u 'Browns Dine and Dance', hekk likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*iv.Tiddikjara illi l-konvenuti jew minn minhom fil-kawża de quo, naqsu milli jonoraw l-obligazzjonijiet li assumew minghand J & S Catering Services Ltd. (C 53232), meta b'mod illegali u abbużiv itterminaw unilateralment l-impjieg tar-rikorrent, fl-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tlettax (2013), mingħajr ebda raġuni valida jew pre-avviż hekk kif stipulat fil-liġi.*

*V.Tiddikjara u tordna illi l-konvenuti jew minn minhom, għandhom iħallsu lir-rikorrent il-paga dovuta tax-xahar ta' Jannar elfejn u tlettax (2013) għax-xogħol ta' Head Chef fir-restoranti surreferiti;*

*vi.Tiddikjara u tordna illi l-konvenuti jew minn minhom, għandhom iħallsu s-salarji rimanenti minn meta ir-rikorrent ġie illegalment tterminat mill-impjieg tiegħu sa meta jagħlaq l-kuntratt tas-servizz, hekk likwidat skond il-liġi minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*vii.Tikkundanna, okkorrendo bl-opera ta' esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, lill-konvenuti jew minn minhom fil-kawża de quo, jħallsu d-danni kollha li ġew ikawżati mill-aġir illegali tagħhom;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-Ittra Ġudizzjarja.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Sandro Mamo u Jonathan Mamo tat-13 ta' Novembru 2013**[1] permezz ta' liema ressqu dawn l-eċċezzjonijiet –

*Jesponu bir-rispett u Sandro Mamo bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma li s-segwenti fatti jafhom personalment:*

1. *Illi l-ewwel zewg talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent in kwantu l-ebda somma ma hija dovuta ghal senserija b'rabta mat-trasferiment tan-negozju bejn l-intimati u lanqas ir-rikorrent ma wettaq xi atti ta' sensar li jaghtu lok ghal xi forma ta' kumpens;*

2. *Illi ghal dak li jirrigwarda t-talbiet numru iii sa vi mressqa mir-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex kompetenza li tittratta dawn il-kawzali, in kwantu l-istess talbiet jinnecessitaw stharrig dwar il-kundizzjonijiet ta' impjieg tar-rikorrent, in-natura tal-kuntratt ta' impjieg tieghu u jekk it-tkeccija tieghu kienetx wahda gusta o meno, liema mertu huwa ta' kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess talbiet;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba tar-rikorrenti, l-intimati esponenti ma humiex il-legittimi kontradittturi in kwantu huma ma kienux parti mill-ftehim bejn s-socjeta' intimata u r-rikorrenti jekk fil-fatt kien hemm tali ftehim u fl-ebda hin l-intimati esponenti ma assumew id-djun li setgha kellha s-socjeta' intimata;*

[1] Fol 15 et seq

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimati esponenti ma humiex debituri tar-rikorrent izda huma kredituri kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kontrotalba li huma qed jipprezentaw kontestwalment ma' din ir-risposta guramentata;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sebgha talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent in kwantu fl-ewwel lok ir-rikorrent ma sofra ebda dannu, fit-tieni lok jekk sofra xi dannu dan ma huwiex imputtabli lill-intimati esponenti u fit-tielet lok tali talba ma hijiex sostenibbli meta fil-premessi ghal tali talba ma hemm l-ebda referenza ghal jew indikazzjoni li r-rikorrent sofra xi dannu;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-impjieg tar-rikorrent gie terminat ghal raguni valida u tajba fil-ligi u ghalhekk l-ebda flejjes ma huma dovuti lir-rikorrenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li huma min'issa ngunt in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-ligi;*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat **il-kontro-talba ta' Sandro Mamo u Jonathan Mamo tat-13 ta' Novembru 2013**[2] permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*Jesponu bir-rispett u Sandro Mamo bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma li s-segwenti fatti jafhom personalment:*

*1. Illi f'Dicembru 2012 huma bdew jiggestixxu l-istabillimenti Browns Kitchen u Browns Dine and Dance gewwa l-Valletta Waterfront il-Furjana;*

[2] Fol 22 et seq

*2. Illi Oswald Caruana ma ghamel l-ebda senserija u wara li saru jafu li l-istabillimenti kienu ghat-twellija huma nnegozjaw u waslu ghal qbil mas-socjeta' intimata J & S Catering Services Ltd u Oswald Caruana ma kellu l-ebda input sabiex jintlahaq il-ftehim;*

*3. Illi mhux vera li huma ntrabtu li jhallsu lil Oswald Caruana hamsin elf Ewro (€50,000) barra l-paga tieghu;*

*4. Illi minkejja li Oswald Caruana dejjem gie muri rispett minhabba hbiberija antika li kien hemm bejnu u Sandro Mamo, irrizulta li Oswald Caruana kien ripetutament ma jidholx ghax-xoghol fil-hin jew addirittura ma jidholx meta Dicembru huwa zmien krucjali ghall-istabilimenti ta' l-ikel, kien qed jiehu commissions minghand suppliers a detriment ta' l-ahwa Mamo u sahansitra ma kienx jixtri minghand suppliers jekk ma jtuhx commission, kif ukoll kien jaghmel uzu minn sustanzi illegali waqt il-hin tax-xoghol;*

*5. Illi Oswald Caruana barra ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija gie mkecci fi zmien ta' probation. Oswald Caruana kien head chef u kellu rwol' manigerjali;*

*6. Illi sabiex ta lura karozza li kienu tawh l-esponenti ghax-xoghol kellhom jitolbu l-ghajnuna tal-Pulizija;*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mal-kontro-talba.

**Rat in-nota tal-attur tal-21 ta' Marzu 2014[3] permezz ta' liema huwa ċeda l-kawża limitatament fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta J & S Catering Services Ltd.**

Rat il-provi tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

[3] Fol 55

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara u tordna -

- l-ħlas ta' senserija allegatament dovuta lilu b'riżultat tat-trasferiment tal-kummerċ ta' żewġ ristoranti ġewwa l-Valletta Waterfront bl-ismijiet ta' *Browns Kitchen* u *Browns Dine and Dance* ;
- l-ħlas ta' djun allegatament dovuti lilu in konnessjoni mal-impjieg tiegħu bħala *Head Chef* fiż-żewġ ristoranti msemmija ;
- li t-terminazzjoni unilaterali tal-impjieg tiegħu mill-konvenuti bla raġuni valida kien illegali u abbużiv peress li huma naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom mingħand J & S Catering Services Ltd ("'il quddiem imsejħa "J & S");
- l-ħlas tas-salarju rimanenti lill-attur mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu sa meta jagħlaq il-kuntratt ta' servizz;
- l-ħlas tad-danni kawżati mill-aġir illegali tal-konvenuti.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti rribattew li l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Huma ressqu mhux biss eċċezzjonijiet ta' natura preliminari fir-rigward ta' uħud mit-talbiet iżda anke fir-rigward tal-mertu saħqu li –

- l-attur qatt ma kien wettaq servizzi ta' sensar li jagħti lok għal xi ħlas ta' kumpens;
- huma mhumhiex debituri tal-attur anzi huma kredituri tiegħu;
- l-attur ma sofra ebda danni u jekk dan seħħ dan mhuwhiex tort tagħhom u għalhekk m'għandhomx jirrispondu għalih;
- l-impjieg tal-attur ġie terminat għal raġunu valida u tajba fil-liġi.

Il-konvenuti pprevalixxew ruħhom mit-talbiet tal-attur u ppreżentaw kontro-talba kontestwalment mar-risposta ġuramentata tagħhom permezz ta' liema huma talbu lill-Qorti tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat huwa responsabli għad-danni u t-telf sofferti minnhom u ta' arrikkiment indebitu a skapitu tagħhom kif ukoll li tillikwida u tordna l-ħlas ta' tali danni.

Għal dawn il-pretensjonijiet l-attur wieġeb li ma jistgħux ireġu peress li huwa qatt ma aġixxa ħażin fil-konfront tal-atturi anzi huwa kien iġibilhom klijentela li kienu jmorru speċifikatament għall-kwalita' u għas-servizz tiegħu. Inoltre huwa b'ebda mod ma arrikkixxa ruħu a detriment tagħhom.

Mill-atti jirriżulta li -

1. **L-attur Oswald Caruana** xehed[4] illi fl-1 ta' Diċembru 2011 huwa kien beda jaħdem bi prova bħala *Head Chef* ġewwa l-kċina komuni ta' *Browns Kitchen* u *Browns Dine and Dance* li jinsabu fil-Vaults 3 u 4 fil-Valletta Waterfront. Is-sid ta' dawn it-restaurants fl-epoka kienu J & S Catering Services Ltd. Huwa jgħid li fit-3 ta' Frar 2012, bi ftehim verbali, huwa kien uffiċjalment impjegat hemm għal tlett snin u nofs. Lejn l-aħħar ta' Novembru tal-istess sena, l-konvenut Sandro Mamo u martu marru jieklu hemm. L-attur għandu konoxxenza ta' Sandro Mamo peress li fl-iskola sekondarja kienu studenti flimkien. Mamo qallu li kien qiegħed jipprova jinnegozja t-trasferiment tal-kummerċ ta' stabbiliment ieħor fil-Valletta Waterfront. L-attur wieġbu li jekk huwa kien interessat jixtri f'dik it-triq huwa seta' jinnegozjalu biex jixtri n-negozju ta' *Browns Dine and Dance* għal prezz aħjar minn dak tal-istabbiliment l-ieħor.

---

[4] Fol 48 et seq u fol 287 et seq

Skont l-attur, Mamo reġa mar ifittxu r-ristorant wara ftit jiem u wera ruħu nteressat f'din il-proposta. Mamo qallu wkoll li jekk iqabbdu mas-sidien tal-kummerċ u jinnegozjalu prezz tajjeb huwa kien ser jagħtih €10,000 għax-xogħol ta' sensar li jkun għamel. Skont l-attur, jekk isir it-trasferiment tan-negozju *Browns Dine and Dance*, Mamo kien ftiehem miegħu li jħallsu €10,000. L-attur għamel kuntatt dwar dan ma' wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' J & S Catering, Shane Scicluna, li kien residenti fl-esteru u qabbdu bit-telefon ma' Mamo. Xi jiem wara, Scicluna u d-direttur l-ieħor Joseph John Azzopardi (li wkoll jgħix fl-esteru) ġew Malta. Għalkemm oriġinarjament il-ftehim kien esklussivament fuq *Browns Dine and Dance*, wara diskursata li Shane Scicluna kellu mal-attur, dan kellmu dwar il-ħsieb li jsir il-bejgħ ukoll tan-negozju tal-kummerċ ta' Browns Kitchen, liema trasferiment kien jinkludi wkoll lill-attur bl-isem. Scicluna qallu wkoll li dan it-trasferiment tal-kummerċ kien jinkludi wkoll it-trasferiment tal-obbligi u l-ammonti kollha dovuti lilu minn J & S. L-attur aċċetta l-proposta.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2012 ġew miftehma l-kundizzjonijiet kollha għat-trasferiment ta' *Browns Dine and Dance* u wara li Scicluna ħareġ bil-proposta li joffrilu *Browns Kitchen* b'ismu, jiġifieri *Browns Kitchen by Oswald*, ġew miftehma l-kundizzjonijiet kollha ta' *Browns Kitchen* fosthom li t-trasferiment kien jinvolvi wkoll l-obbligi kollha assunti minn J & S mal-impjegati tagħhom u li b'hekk il-paga tal-attur, flimkien mal-ammont dovut lilu mis-soċjeta' J & S (€25,000) [bilanċ ta' somma akbar ta' €50,000] issa kienu ser jitħallsu minn Sandro u Jonathan Mamo, li kienu ser jixtru l-kummerċ bi sħab. Ftit jiem wara l-kuntratt tat-trasferiment tal-kummerċ *Browns Kitchen* u *Browns Dine and Dance* ġie ffirmat bejn is-soċjeta' J & S bħala bejjiegħa u Sandro u Jonathan Mamo bħala xerrejja.

L-attur isemmi wkoll li mill-€10,000 imwiegħda lilu, huwa minn jeddu u avolja kien għadu ma tħallasx is-somma, ta s-somma ta' €1,500 fi flus kontanti lil

wieħed mill-impjegati Alan Ciantar li kien il-persuna li oriġinarjament kien għadda telefonata lill-attur sabiex dan ikellem lil Scicluna l-ewwel darba dwar il-proposta tat-trasferiment. Dan minkejja l-konsapevolezza li Ciantar ma kellu ebda rwol ta' senserija f'dan il-każ.

Wara t-trasferiment tal-kummerċ f'Diċembru 2012, bdew jiġġestixxu dawn iż-żewġ ristoranti u l-attur kompla jaħdem normali bħala Head Chef fil-kċina komuni taż-żewġ ristoranti flimkien ma' team li huwa għaqqad. Fil-perjodu tal-Milied kienu mpenjati ħafna u wara li għaddew il-festi huwa għamel użu mill-leave tiegħu billi għamel ġimgħa u nofs jaħdem nofs ta' nharijiet sabiex jistrieħ ftit. Ma ħax ġranet sħaħ leave ħalli ma jitfax piż żejjed fuq it-team tiegħu.

Fl-1 ta' Frar 2013 l-impjieg tal-attur ġie terminat mill-konvenuti. Dan mingħajr ma rċieva ebda twissija. Ir-raġuni li ngħata kienet li jridu jagħmlu aktar profitti u b'hekk kienu ser iwaqqfu lilu u jżommu t-team tiegħu. Bidlu anke l-fornituri u bdew iġibu prodotti irħas minn dak li kien jordna hu, minkejja li hu kien jordna prodotti speċifiċi għax kienu ta' kwalita' aktar superjuri.

Madankollu Sandro Mamo baqa' jgħidlu li se jħallsu l-€10,000 senserija u nfatti nħarġu żewġ ċekkijiet f'ismu ffirmati minn Sandro Mamo – wieħed ta' €10,000 rappreżentanti xogħol ta' sensar[5] u l-ieħor fl-ammont ta' €1,380 rappreżentanti l-aħħar paga dovuta lilu[6], it-tnejn datati l-1 ta' Frar 2013. Huwa rritorna f'kundizzjoni tajba l-vettura mogħtija lilu. Fit-8 ta' Frar 2013 huwa bgħatilhom ittra fejn talabhom jonoraw l-obbligi kuntrattwali li assumew mingħand J & S, li jinkludu l-ħlas ta' €25,000. Avżahom ukoll li kien ser iżomm iċ-ċekk tal-€10,000 li kien għadu mhux imsarraf, bħala l-ħlas dovut lilu għas-senserija.

[5] Fol 38
[6] Fol 40

Madankollu fid-9 ta' Frar 2013[7] l-attur irċieva ittra permezz ta' liema ġie nfurmat li l-impjieg tiegħu ġie terminat b'effett mill-1 ta' Frar 2013 fiż-żmien ta' probation skont il-liġi. Oltre dan, huwa kien qed jitkeċċa stante allegati mankanzi gravi da parti tiegħu fl-impjieg inkluż serq u frodi konsistenti fit-talbiet għall-*commissions* minn diversi suppliers u aġir persistenti kontra l-interessi tal-employer tiegħu. L-attur jiċħad dawn l-allegazzjonijiet.

L-attur irċieva wkoll abbozz ta' riżenja mingħand il-konvenuti datat l-1 ta' Frar 2013, miktub f'ismu stess fejn jgħid li huwa kien qed jirċievi s-somma ta' €14,880 bħala ħlas finali għall-ammonti dovuti lilu mill-konvenuti u l-obbligi relatati mal-impjieg tiegħu ġewwa ż-żewġ ristoranti. Meta avżahom li ma kienx qed jaċċetta li jiffirma tali ittra, l-konvenuti għamlu stop-payment taċ-ċekkijiet kollha li kienu preċedentement ingħataw lilu, inkluż iċ-ċekk tal-paga.

In kontro-eżami huwa qal li mal-Jobs Plus kien reġistrat bħala *full-time executive chef*. Ir-responsabiltajiet tiegħu kienu bħala *head chef*, li jagħmel il-menus, jieħu ħsieb il-kċina u jara li l-klijent sodisfatt. Meta mar jaħdem magħhom J & S kienu talbuh jgħaqqad team u hu hekk għamel. It-tmexxija tal-kċina kienet f'idejh bil-kunsens tal-Manager għan-nom tal-kumpanija. Huwa reġa ta dettalji marbuta mal-pretensjoni tiegħu għall-ħlas ta' senserija u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol li ftiehem flimkien mal-J & S. Huwa ċaħad li kien jingħata *commission* mis-*suppliers*. Iċ-ċekk ta' €50,000 maħruġ minn Dr Ghaznavi huwa ntiż bħala garanzija. J &S bdew iħallsuh ftit ftit u meta sar it-trasferiment tan-negozju, minn dak l-ammont li kien dovut lilu bħala rigal biex imur jaħdem magħhom huwa kien fadallu jirċievi €25,000. Il-€25,000 l-oħra kienu tħallsu lilu b'diversi ammonti f'perjodi diversi.

[7] Fol 28

L-attur esebixxa wkoll kopja ta' abbozz ta' kuntratt tax-xogħol datat 2 ta' Novembru 2011 li skont hu ma ġiex iffirmat minħabba traskuraġni tal-imgħallmin[8]

2. Skont l-employment history tal-attur[9], mill-1 ta' Frar 2012 sat-30 ta' Novembru 2012 huwa kien impjegat full time, b'mod indefinit ma' J & S bħala Chef. Imbagħad mill-1 ta' Frar 2013 'il quddiem huwa beda jaħdem full-time self employed Chef band'oħra.

3. Xehdu wkoll **Oliver Abdilla**[10], **Kevin Grima**[11] u **Joseph Zammit**[12] dwar il-ħiliet professjonali tiegħu bħala *Chef* u l-kwalita' tal-ikel imħejji minnu u **David Debono**[13] dwar il-forniment ta' prodotti ta' l-ikel lil-attur.

4. Xehed **l-Avukat Dr. Shaheryar Ghaznavi** [14] li qal li jaf lill-attur u ġieli qdieh l-uffiċċju. Ikkonferma li kien assista lil Shane Scicluna, ex direttur tas-soċjeta' J & S Catering Services Ltd biex ħejja l-kuntratt ta' impjieg tal-attur ma' dik il-kumpanija. Xehed li Oswald Caruana beda jahdem mal-kumpanija msemmija imma ma kienx ċert jekk hux fis-sena 2012. Wara J & S kienet ċediet dan in-negozju lill-aħwa Mamo. Ix-xhud kien ukoll l-avukat ta' J & S u qal li l-kuntratt ta' impjieg li kellu Caruana kien verbali. J & S kienet weghdet lil Caruana €50,000 biex jassiguraw is-servizzi tiegħu. Dak iż-żmien kien hemm xi ħamsa jew sitta min-nies li kienu riedu s-servizzi tiegħu u għalhekk offrewlu din is-somma. Parti minnha tħallset. Kienu nfurmawh il-klijenti tiegħu dwar dan. Mingħalih kienet tħallset nofs din is-somma. Sa fejn jiftakar hu, skont il-ftehim verbali li kellhom,

[8] Fol 301
[9] Fol 317
[10] Fol 58
[11] Fol 59
[12] Fol 75
[13] Fol 66 et seq
[14] Fol 63 et seq

fl-ewwel Milied is-sena ta' wara kellu jitħallas l-ewwel €25,000 imbagħad sa Frar ta' wara kellu jitħallas il-bilanċ lill-attur. Mistoqsi mill-Qorti jekk kinitx tħallset is-somma kollha, **wieġeb li le ma tħallsitx**. Mistoqsi għalfejn, qal li dan seħħ minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija, li ma kinitx tippermettilha tħallas l-aħħar bilanċ. **Il-ħlas ġie pospost mhux imħassar**. Kienu Shane Scicluna u Oswald Caruana li kienu qalulu. Dwar dan ma kien hemm xejn bil-miktub. Meta Mamo ħa n-negozju f'idejh, sa fejn ftakar qal li kien ħallas xi ammont biex ħadu. Din id-darba sar bil-miktub. Ukoll Mamo assumew ċertu debiti. L-istaff kollu hemm baqa', ħaduh fuqhom. Fosthom kien hemm Oswald. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kreditu li kellu Oswald ma' J & S  jissemmiex, wieġeb li ma jafx jekk jissemmiex. Jissemma żgur pero` isem Oswald fl-iskrittura. Saret laqgħa fl-uffiċċju tiegħu, u kien hemm preżenti l-aħwa Mamo, Azzopardi u Scicluna għall-J & S u Dr. Michael Grech għall-aħwa Mamo. Ġew spjegati waqt din il-laqgħa il-kundizzjonijiet ta' impjieg ta' Oswald. Kien hemm offerta illi jekk Oswald mhux ser jibqa' fl-impjieg, allura l-prezz li kellu jitħallas lil J & S, kellu jkun ta' €25,000 iktar. B'dan il-mod J & S kienet tħallas il-bilanċ lil Oswald. Ix-xhud ikkonferma li kien ħareġ ċekk hu stess ta' €50,000[15]  li kienu għall-perjodu ta' tlett snin u nofs xoghol. Il-ftehim kien li jekk Oswald jitlaq, irid iħallas lura *pro rata* l-flus żejda li jkun irċieva. Jekk jitkeċċa, irid jitħallas is-somma kollha. Ikkonferma li eventwalment l-aħwa Mamo kienu ikkonvinċew lil J & S li jċedu żewġ restaurants. Il-ftehim li kienu għamlu jolqot liż-żewġ restaurants. Ix-xhud żied jgħid li jaf li kien hemm senserija involuta f'dan in-negozju lil Oswald mill-aħwa Mamo. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwiex fir-rigward taż-żewġ restaurants huwa wieġeb li ma kellux dettalji dwar dan.  Ma dehrlux li fil-kuntratt jissemma li hemm senserija.

[15] Fol 7

5. Xehdet **Melanie Agius Millo**[16], chef li kienet tifforma parti mit-team tal-attur fil-kċina taż-żewġ ristoranti in kwistjoni. Ikkonfermat illi meta spiċċa l-attur minn hemm, it-team tiegħu jew xi whud minnhom baqgħu jaħdmu hemm inkluż hi, għalkemm xi żmien wara hija telqet għax sabet opportunita' oħra ta' xogħol. Wara li r-ristoranti għaddew mingħand J & S għall-konvenuti Mamo, il-paga bdiet tingħatalhom minn Sandro Mamo u ħadd ma tkeċċa mit-team ħlief Oswald. Hija spjegat li t-team tagħhom kien tajjeb ħafna u kienu jirsistu; ġieli anke kienu jibqgħu xogħol sa tard ħafna. Xehdet li l-attur kien ġab hafna klijenti milli kellu qabel hemmhekk. Iddeskriviet lill-attur bħala chef tajjeb ħafna li studja anke barra minn Malta. Qalet li kien issemma li Oswald ma kienx qed jagħmel xogħlu u tħallas ta' xejn. Hi ma taqbilx. Huma kienu jafu li qegħdin isiru laqgħat bejn Shane u s-sidien il-ġodda ta' Mamo biex jieħdu *over* ir-restaurant u taf li l-attur kien ikun preżenti ghax kienet tkun ix-xogħol u kienet tarah madwar il-mejda. Kien Oswald li laqqa' lil Mamo ma' Shane biex isir in-negozju. Taf li huma kienu ħbieb. L-attur kien qalilha li ser iġib ħabib tiegħu biex jixtru l-post.

6. Xehed **l-avukat Michael Grech**[17] li ikkonferma li kien assista lill-attur meta kien qiegħed jinnegozja l-impjieg tiegħu ma' Shane Scicluna u Joseph Azzopardi ta' J & S Catering Services Limited. L-attur kellu rikjesti mingħand persuni differenti biex imur jaħdem magħhom bhala executive chef u kien għażel li jmur jaħdem ma' din il-kumpanija. Kuntratt bil-miktub qatt ma sar. Kellu jsir pagament ta' €50,000 talli ġie ngaġġat l-attur. Il-ftehim li kellu jibda minn Novembru 2011 u sal-Milied tal-2011 kellhom jitħallsu €25,000. Dawn fil-fatt tħallsu. Kellu jsir pagament ieħor ta' €25,000 fi Frar 2012. L-avukat Ghaznavi kien ħareġ ċekk bħala garanzija illi l-attur kien ser jitħallas. Il-ftehim kien ghal tlett snin u nofs. L-attur kellu jieħu 7% fuq il-bejħ li jaqbeż l-€10,000 fil-ġimgħa. Bejgħ mill-bar ma kienux inklużi. L-attur kien insista illi t-team tiegħu jiġi

[16] Fol 60 et seq
[17] Fol 71 et seq

ngaġġat f'dan ir-restaurant. Il-paga tiegħu kienet disa' mitt ewro fil-ġimgha u l-bolla kellha titħallas mill-kumpanija. Ix-xhud qal bħala fatt illi dan il-ftehim kien ġie attwat bejn Oswald u Shane Scicluna. Jaf ukoll li l-attur u l-konvenuti Mamo kienu ħbieb. Sar jaf lill-konvenuti Mamo tramite Oswald Caruana li ntroduċieh magħhom. Sandro Mamo f'din il-laqgha kien qal illi kien interessat illi jakkwista wieħed miż-żewġ ristoranti. Jonathan Mamo ried illi jibdew it-trattattivi ma' Shane Scicluna. F'dak l-istadju x-xhud sar l-avukat ta' Jonathan u Sandro Mamo sabiex jassistihom fl-akkwist ta' dan ir-restaurant. F'perjodu qasir imbagħad Sandro Mamo kien iddeċieda illi jieħu wkoll ir-restaurant l-ieħor. Ix-xhud fehem li dan seħħ fuq taghrif illi kien qed jagħtih l-attur li kien qed imexxi l-kċina u kien jaf x'bejgħ hemm fir-rigward ta' dawn ir-ristoranti. L-avukat ta' Shane Scicluna kien l-avukat Ghaznavi f'dawn in-negozjati. Oswald Caruana ma kienx ikun preżenti ghal dawn il-laqghat. Ix-xhud lanqas ma kien involut fin-negozjati li saru bejn l-aħwa Mamo u Shane Scicluna. Ix-xhud ikkonferma illi l-ftehim li kien hemm bejn Mamo u Caruana kien illi huma ser jieħdu over dawn iż-żewġ restaurants u jżommu wkoll l-impjegati illi hemm fil-post. Oswald kemm-il darba mar l-uffiċċju għandu flimkien ma' Sandro Mamo. Kienu tkellmu quddiem ix-xhud dwar ħlas ta' senserija lil Oswald u dan għar-rigward tal-introduzzjoni illi Oswald għamel tal-aħwa Mamo ma' Shane Scicluna biex isir dan in-negozju. Quddiem ix-xhud issemmew ċifri ta’ €10,000 jew €11,000. Dan kien fil-parti fil-bidu ta' negozjati meta Sandro Mamo kien qed jinnegozja biex jieħu wieħed mir-restaurants. Meta kien hemm in-negozju fuq it-tieni ristorant ma ntalbitx senserija mill-attur. Jaf li nqala' disgwid bejn iż-żewġ partijiet. Attenda anke għall-laqgħat bħala medjatur għax jaf liż-żewġ partijiet. Kien għall-ħabta ta' Novembru/ Diċembru 2012 illi l-aħwa Mamo daħlu fir-restaurants u jiftakar lil Sandro jilmenta dwar bejgħ li kien hemm Diċembru u Jannar. Jidher illi mill-ewwel beda l-inkwiet. Ix-xhud jiftakar lil Shane Scicluna jgħid lill-attur illi min ser jidħol minflokhom ser jassumi l-istess obbligi u responsabbiltajiet li huma kellhom fil-

konfront tiegħu. Is-senserija kellha titħallas mill-aħwa Mamo u sa fejn jaf ix-xhud ma tħallsitx.

7. Xehed **il-konvenut Sandro Mamo**[18] spjega li qegħdin joperaw iż-żewġ ristoranti taħt isem wieħed u ċioe' *Brown's Kitchen*. Lill-attur ilu jafu u huma ħbieb sa minn żmien l-iskola sekondarja. Qabel iż-żewġ ristoranti msemmija l-konvenut kien jopera ristorant ieħor f'lokalita' oħra. Meta kien wasal biex jagħlaq il-kuntratt ta' ġestjoni ta' dak ir-ristorant, il-konvenut beda jfittex ristorant ieħor biex ikompli f'dik il-linja. Kien hemm aġent tal-ħut li bagħtu jara ristorant il-Waterfront li llum huwa magħluq u dik il-ġimgħa stess mar jiekol il-Waterfront biex jara kif inhu x-xogħol hemm isfel u mar jiekol fejn jaħdem l-attur peress li kien jafu. Il-perjodu kien għal nofs Novembru 2012. Wara l-ikel huwa talab parir lill-attur biex jara kif kien ix-xogħol il-Waterfront. L-attur qallu li l-imgħallem tiegħu aktarx kien interessat li jneħħi wieħed miż-żewġ ristoranti li kien jaħdem fihom hu u kien qed jitlob €235,000 premium biex joħroġ mill-ħanut. Il-konvenut qallu li jekk l-attur kien iġibulu b'€200,000 il-post huwa kien lest li jagħtih €10,000 bħala senserija. Il-konvenut qallu wkoll li kien imħajjar u għalhekk l-attur qallu biex imur lura l-għada fil-għodu kif fil-fatt sar. L-attur laqqgħu mal-Manager tar-ristorant li minn naħa tiegħu ċempel lil Shane Scicluna fuq Skype. Scicluna lill-konvenut qallu li kien qed jitlob €300,000 u li €235,000 huwa l-bottom line. Pero', peress li ċ-ċifri ta' €200,000 offerti mill-konvenut kienu qrib €235,000 mitluba minn Scicluna, dan tal-aħħar qallu biex jiltaqgħu xi ġranet wara ħalli jitkellmu.

Meta ltaqgħu, il-konvenut sab tnejn oħra jaraw il-ħanut u li skont Scicluna offrew anke somma bħala rigal. Il-konvenut reġa qal lil Scicluna li huwa ma setax joffri aktar minn €200,000. Qabdu negozjati bejniethom hu, Scicluna u Joseph John

[18] Fol 84 et seq u fol 164 et seq

Azzopardi fuq il-mejda dakinhar u l-konvenut għamel l-aħħar offerta ta' €215,000 u Scicluna u Azzopardi aċċettaw. Dak il-ħin in-negozjati kienu fuq ristorant wieħed biss – *Browns Dine and Dance* ta' Vault 3. L-offerta ta' flus kienet biex huma joħorġu minn hemm peress li effettivament is-sid huwa l-Gvern. Kif kien ser jitlaq Scicluna staqsih jekk kienx lest jieħu wkoll it-tieni ristorant. Il-konvenut wieġeb li huwa ma setax jeċċedi l-budget li kellu. Scicluna qallu li huwa kellu xi loans u dejn u li fuq it-tieni ristorant seta' jassorbi d-dejn minflok itih flus. Wara verifiki speċjalment mal-accountant tiegħu u anke mal-attur li seta' jtih parir dwar l-ammont ta' xogħol li kien hemm fil-kċina, l-konvenuti waslu għall-arranġament li jieħdu ż-żewġ ristoranti u jassumu d-dejn tagħhom. Iltaqgħu anke ma' uħud mis-suppliers u saret lista tagħhom u kemm kien id-dejn dovut lilhom, kiema lista ġiet annessa[19] mal-kuntratt ta' trasferiment tat-28 ta' Novembru 2012[20].

Il-konvenuti żammew il-ħaddiema kollha u ċioe' l-attur, chefs l-oħra, waiters, Manager, dishwashers u anke ħallsuhom il-pagi b'xi tlett ġimgħat lura. Inkluż kien hemm ukoll il-paga tal-attur. Il-konvenut jgħid li l-attur qatt ma kien reġistrat magħhom bħala mpjegat u probabbli kien baqa' reġistrat fuq l-operaturi preċedenti.

Il-konvenut saħaq li huma ma ħadux l-obbligi ta' J & S iżda assumew xi dejn tas-soċjeta' msemmija. Mistoqsi dwar l-intendiment ta' klawsola 6 tal-kuntratt l-konvenut wieġeb li kien jaf li Scicluna kien offra somma ta' darba ta' €50,000 bħala rigal biex jieħu lill-attur jaħdem miegħu għal tlett snin u nofs. Dan minbarra pakkett ta' paga ta' €900 fil-ġimgħa fejn kien jaħdem circa 60 siegħa f'ġimgħa. Il-konvenut kien jaf ukoll li minn dawk il-€50,000 Scicluna kien tah nofshom diġa. Skont il-konvenut, Scicluna kien qallu li jekk ser iżommu jrid itih €25,000,

[19] Fol 104
[20] Fol 105 et seq

jekk mhux ser iżommu jiġi *released* u ma jtih xejn peress li sena kull ma kien għadu ħadem ma' S & J. Skont il-konvenut, Scicluna qallu li ma kellux għalfejn iżommu lill-attur imma hu kien kuntent li ser iħaddmu miegħu u qal issa jara kif imorru fiż-żmien ta' probation peress li kien għadu ser jibda jaħdem miegħu. Il-konvenut qal li l-attur u Scicluna ħeġġewh ħafna biex ifittex jieħu r-ristoranti għax kien ġej żmien il-Milied u l-attur qallu li jkunu mħabbtin u jmorru tajjeb f'dak il-perjodu. Jgħid li minħabba f'hekk huwa ma kienx f'qagħda li jkeċċi ħaddiema.

Dwar in-negozjati li wasslu għall-bejgħ il-konvenut qal li l-attur kulma għamel kien li ntroduċieh mal-Manager Alan Ciantar, imbagħad Ciantar kellem lil Shane Scicluna. Insista li l-prezz iġġeled għalih hu biss u kien waħdu ma' Shane kemm meta bdew u anke meta għalqu n-negozjati.

Meta mbagħad beda l-operat tar-ristorants, huwa ħassu ħuta barra mill-ilma u ma kienx jaf lill-ħaddiema u s-sistema kif taħdem allura ħalla x-xiri tal-kċina f'idejn l-attur u drinks u affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-bar f'idejn il-Manager. Kollox kif kien qabel.

Madankollu mbagħad beda jinnota li s-*sales* bdew ikunu inqas minn dak li kien qallu l-attur, u anke nnota li għalkemm l-attur kien qallu li jaħdem 60 siegħa u li jmur sitt darbiet fil-ġimgħa, wara xi żmien beda jmur anqas u beda jibgħat lis-*sous chef* jew chef ieħor.

Il-konvenut xehed li l-pakkett tal-paga ta' €900 fil-ġimgħa u l-commission ta' 7% fuq il-bejgħ li jaqbeż l-€10,000 fil-ġimgħa li l-attur kellu qabel huwa baqa' jtihomlu. Tah anke korozza tiegħu *second hand* biex jinqeda biha sakemm tal-attur tissewwa.

Huwa semma wkoll li kien hemm drabi fejn l-attur kien qed jixrob u jagħmel użu mid-droga.

Wara li għalqu Diċembru l-konvenut ma kienx sodisfatt bl-andament tal-affarijiet speċjalment bl-ammont ta' bejgħ u bl-infiq u għalhekk sejjaħ laqgħa dwar dan bejnu, ħuħ, l-attur u Dr Michael Grech bħala medjatur u anke l-accountant. Għadda Jannar u s-sitwazzjoni ma nbidlitx u reġa' qalilhom li ma jistax ikun jibqa' sejjer hekk. Tkellem mal-*accountant* u lill-attur qallu li kien ser jibdillu l-paga u jibda jħallsu minflok bit-€13 s-siegħa iżda l-attur irribatta li huwa ma kienx *'discount store'*.

Il-konvenut xehed ukoll li nnota li fix-xiri ma' l-aġenti li kien qed jagħmel l-attur huwa kien qiegħed jitħallas xi *commission*[21].

Qal ukoll li peress li kien għadu jibda f'Diċembru 2012, meta ċċekkja mal-Labour Office, dawn qalulu li l-attur bħala managerial staff kellu 6 xhur probation.

Dwar l-abbozz ta' riżenja u transazzjoni mħejji mill-konvenuti u esibit a fol 37 l-konvenut xehed li fir-rigward tas-somma ta' €14,880 hemm indikati dawn kienu jinkorporaw €10,000[22] li ddeċidew li jagħtuhomlu għal circa xahrejn paga inkluż il-commission peress li ma żammewhx jaħdem in-notice. Il-kumplament kien hemm xi ħaġa ta' xi ġimgħa u nofs b'lura, għax huma kienu jħallsu bil-ġimgħa b'lura. Skont il-konvenut, jekk l-attur kien ħadem l-ewwel 3 ijiem ta' dik il-ġimgħa u ġimgħa oħra kien jonqsu jitħallas, kien hemm xi hemm circa €1400.

L-attur kien irrifjuta li jiffirma dan l-abbozz.

[21] Dokumenti a fol 181 et seq
[22] Cekk a fol 38

8. Xehed **il-konvenut Jonathan Mamo**[23] li qal li qatt ma kien attenda għal xi laqgħat qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt tat-28 ta' Novembru 2012. Lanqas ma kien konsapevoli ta' ħlasijiet li kellu jieħu l-attur. Ilmenta dwar l-assenza tal-attur mir-roster tax-xogħol fejn minn roster ta' 7 ġimgħat kien jarah xi ġurnata jew jumejn, u kien jarah iċempel lil ta' warajh biex jidħol floku għax qiegħed b'hangover u b'sick. Bħala suppliers l-attur kien ikun irid jaħdem ma' uħud minnhom biss. Hu rrakkonta wkoll episodji li jirrigwardaw il-komportament tal-attur fuq il-post tax-xogħol. Wara li telaq l-attur minn magħhom l-andament tan-negozju mar aħjar anke għax bdew joqogħdu aktar attenti fir-rigward ta' nfiq. Huwa qal ukoll li uħud mis-suppliers kienu ammettew magħhom li l-attur kien jitlob commission biex jixtri mingħandhom.

9. Xehed **Kevin Farrugia, l-accountant tal-konvenuti**[24] fost oħrajn dwar eżerċizzju li għamel fuq il-figuri finanzjarji bażati fuq medda ta' tlett xhur (Diċembru 2012, Jannar 2013 u Frar 2013) biex anke sar eżerċizzju komparattiv mas-sena ta' wara meta l-attur ma kienx għadu hemmhekk[25]. Dan fuq *accrual basis*.

10. Xehed **Alan Ciantar, Manager** tar-ristoranti in kwistjoni fl-epoka li l-attur kien jaħdem bħala Head Chef[26] li ta dettalji dwar dak li seħħ bħala negozjati qabel ma' l-konvenuti ħadu f'idejhom l-operat tar-ristoranti msemmija. Spjega wkoll kif kienu jaħdmu hu u l-attur fejn l-attur kien jieħu ħsieb l-ordnijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ikel u x-xhud jieħu ħsieb dak li għandu x'jaqsam max-xorb. Hu ġieli kien jarahom għoljin il-prodotti tal-ikel mixtrija speċjalment il-ħut u l-attur ġieli kien jgħidlu li dak eż minħabba l-maltemp. Meta daħlu fix-xena l-konvenuti huma ndikaw li riedu jibdlu xi aġenti biex ikollhom prezzijiet orħos. Qal ukoll li

[23] Fol 191 et seq u fol 232 et seq
[24] Fol 110 et seq u fol 154 et seq
[25] Fol 146 et seq u fol 162 et seq
[26] Fol 207

l-attur ġieli daħal tard għax-xogħol. Ċaħad li huwa qatt talab xi senserija lil xi ħadd.

11. Xehed **Shane Scicluna**[27], **ex-direttur tas-soċjeta' J & S**, li qal li anke jekk ma ġie ffirmat ebda ftehim bil-miktub, huma kienu ftehmu verbalment mal-attur anke bl-involviment ta' Dr Ghaznavi. L-avukat Ghaznavi beda jipprepara dan l-abbozz pero' ma ġie ffirmat xejn. Għall-iffirmar tal-kuntratt ma kienx ċert jekk kienx hemm l-attur preżenti. Fir-rigward tal-klawsola numru 5 (recte 6) tal-kuntratt huwa xehed li din kienet qed tirreferi għal ammont ta' flus dovuti lill-attur li kellhom jitħallsu jekk jiħduh magħhom.

Xehed ukoll li Dr Ghaznavi kellu jagħmel il-kuntratt tal-impjieg tal-attur pero' dan qatt ma sar. Ikkonfema li J & S kienet wegħdet lill-attur €50,000 biex jassiguraw is-servizzi tiegħu u li €25,000 minnhom tħallsu. Muri l-abbozz tal-kuntratt tax-xogħol tal-attur a fol 301 huwa qal li l-kundizzjonijiet li kien fih kienu jagħmlu sens. Qal ukoll li meta sar it-trasferiment tan-negozju l-attur kien preżenti biex jipproteġi dak li hu tiegħu. Pero' ma ftakarx jekk kienx hemm senserija.

12. Ix-xhud Shane Scicluna ppreżenta wkoll affidavit[28] fejn spjega li –

*"In-negozjati kollha li saru sabiex il-kumpanija tkun tista' timpjega magħha lil Oswald Caruana bħala chef u kif ukoll it-trasferiment tal-kirja li sar wara mil-kumpanija lill-aħwa Mamo saru minni, mill-partner tiegħi Joseph John Azzopardi u Dr Shazoo Ghaznavi.*

[27] Fol 323D et seq
[28] Fol 340

*Dr Ghaznavi jaf bit-termini u l-kundizzjonijiet kollha li ġew diskussi u li dwarhom imtlaħaq ftehim, u huwa għandu fil-pussess tiegħu d-dokumenti kollha relattivi għat-transazzjonijiet li semmejt fuq.*

*(....)*

*Fl-opinjoni tiegħi, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-imsemmija skritturi u kif ukoll tal-kunratt ta' impjieg ta' Oswald Caruana huma magħrufa aħjar minn Dr Ghaznavi milli kemm nafuhom jien jew il-partner tiegħi."*

13. Xehed **Joseph John Azzopardi**[29], **ex direttur tas-soċjeta' J & S,** li qal li kellhom ftehim verbali mal-attur li jtuh somma flus, apparti l-paga, talli kien qiegħed mat-team tagħhom. Huwa ma kienx direttament involut fin-negozjati li saru bejn Shane Scicluna u l-attur biex dan beda jaħdem magħhom.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Qorti sejra l-ewwel titratta u tiddeċiedi dwar l-azzjoni prinċipali mressqa mill-attur u l-eċċezzjonijiet sollevati għaliha mill-konvenuti.**

Jiġi rilevat fl-ewwel lok l-Qorti hija rinfaċċjata b'verżjonijiet kuntrastanti mill-partijiet dwar diversi aspetti tal-mertu tal-każ, ovvjament b'mod partikolari għal dak dovut lil attur u għar-raguni għala tkeċċa l-istess mill-impieg tiegħu ta' *head chef* , kif anke rriżulta mis-sinteżi tal-provi appena konkluzi.

Kif inhu pero' rassodat fil-ġurisprudenza, dan il-kunflitt ta' provi m'għandux ikun ta' ostaklu *per se* biex il-Qorti tasal għall-ġudizzju tagħha.

[29] Fol 269 et seq u fol 283

Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deċiż fil-15 ta` Diċembru 2015**[30]-

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża* ***`Xuereb et vs Gauci et`*** *il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

*(ara wkoll: "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

Fuq nota simili, il-Qorti qalet hekk fil-każ **Pickless Ltd vs Saviour Farrugia et deċiż fl-20 ta' Jannar 2016**[31] -

*"Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi ingħad illi:*

*"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in* dubio pro reo.

[30] Rik Gru Nru 1170/86
[31] Rik 445/07

*Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-izbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (...) anzi', f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*[32]

*Ingħad ukoll illi:*

*"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*[33]*."*

*Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċioe:*

*1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur*[34].

*Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, fuq preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konviċiment tal-ġudikant*[35]*."*

## 1. Ħlas ta' Senserija

[32] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-24 ta' Novembru 1 966.
[33] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Gunju 1980
[34] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza fl-24 ta' Marzu 2004)
[35] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza fis-19 ta' Mejju 2015

**L-ewwel żewġ talbiet tal-attur** jirrigwardaw il-pretensjoni ta' ħlas ta' senserija mogħtija minnu fir-rigward tat-trasferiment tal-kummerċ tar-ristoranti fil-Valletta Waterfront bl-ismijiet ta' *Browns Kitchen* u *Browns Dine and Dance*. Dawn jinsabu sitwati f'Vault numru 4 u 3 rispettivament u t-trasferiment sar bejn is-soċjeta' J & S Catering Services Ltd (flimkien ma' soċjeta' oħra) bħala vendituri u l-konvenuti bħala kompraturi. Dan a bażi ta' qbil bejn il-partijiet. Is-somma konsistenti li ssemmiet fil-provi kienet ta' €10,000 senserija, dan jingħad għax darba biss ġiet indikata somma akbar ta' elf iżjed.

Minn naħa l-oħra **l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti** topponi l-pretensjonijiet imressqa fl-ewwel żewġ talbiet stante li fil-fehma tagħhom ebda ħlas ma hu dovut għal senserija b'rabta mat-trasferiment imsemmi u l-attur ma wettaqx atti ta' sensar li jimmeritaw xi forma ta' kumpens.

Din il-Qorti kienet għamlet riassunt tal-ġurisprudenza in materja fil-każ **Pierre Galea et vs Seaborg Company Limited deċiż fit-28 t'Ottubru 2020 -**

*"In linea ġurisprudenzjali ingħad hekk fil-każ* ***Mark Saliba vs L & M Camilleri Ltd deċiż fil-15 ta' Frar 2018*** *-*

*"Fis-sentenza* ***Michael McNamara vs Mill Reef Limited et*** *tat-28 ta' Frar 2014, il-Qorti tal-Appell iċċitat dak li tgħid il-ġurisprudenza dwar ix-xogħol ta' sensar:*

*"il-ġurisprudenza tagħna in materja hija waħda kostanti fis-sens li l-iskop prinċipali ta' kwalunkwe persuna sabiex takkwista d-dritt ta' medjazzjoni huwa dak li tlaqqa' l-kunsens tal-partijiet interessati fl-operazzjoni wara li jieħu sehem attiv u intelliġenti fil-proġettata u proposta konvenzjoni. Għall-akkwist tas-senserija, is-sensar irid jara li permezz tiegħu hu jlaqqa' l-partijiet interessati fuq dawk l-elementi tal-operazzjoni klassikament imsejħa 'is-sostanzjali u l-*

*aċċidentali' tal-kuntratt" [App* ***C.Reynold Balzan et v. Tarcisio Mizzi et*** *deċiża 27 Novembru 1985; Vol.XXXVI.II.394; XLII.II.1135 u sentenzi hemm ċitati] [PA Avukat Dottor Gavin Gulia noe v. Alfred Xuereb et, deċiża 30 ta' Marzu 2005].*

*F'sentenza oħra, il-Qorti tal-Appell fil-kawża* ***Anthony Degiorgio vs Stephen Degiorgio, 23 ta' Novembru 2005****, ikkonfermat illi:*

*"... huwa ferm loġiku illi l-intitolar għall-kummissjoni ma tiskattax awtomatikament għax sempliċement jigi demostrat illi l-ftehim negozjali ġie finalizzat. Kif tgħallem il-ġurisprudenza, biex medjatur ikollu dritt għal senserija jew il-kummissjoni appattwita hu jeħtieġlu juri għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi kien hu li wassal il-partijiet għall-ftehim defenittiv fuq il-kondizzjonijiet kollha, sostanzjali u aċċidentali, ta' l-operazzjoni. Ara Kollez. Vol. XXXVI.ii.294, Vol. XXXVII.i.89 u Vol. XLII.ii.1135 fost bosta oħrajn".*

*Fil-kawża* ***Maria Dolores Portelli vs Tarcisio Azzopardi et*** *deċiża fid-9 ta' Lulju 2008, il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:*

*"Sempliċi għoti ta' informazzjoni mogħtija fi sforz biex tlaqqa' l-volonta' tal-kontraenti biex jiġi assikurata l-idem placitum consensus meħtieġ biex il-kuntratt isir ma jagħti lok la għall-ħlas ta' senserija u lanqas ta' serviġi" ("****Alfred Antignolo -vs- Louis Magri et nomine****", Appell, 21 ta' Frar, 1996);*

*Din il-Qorti tifhem u tapprezza l-atteġġjament assunt mill-Qrati tagħna f'din il-ġurisprudenza. Il-mera informazzjoni jew senjalazzjoni ma tilleġittimax lill-pretendent tad-dritt ta' medjazzjoni jew tal-kumpens in kwantu dawn ma jikkostitwux dak ir-riżultat utli ta' xi riċerka magħmula minnu u lanqas jista' per se jekwivali għal xi kontribut kawżali rilevanti għall-konklużjoni tal-kuntratt";*

*Fis-sentenza tat-28 ta' Frar 2014* ***Michael McNamara vs Mill Reef Limited et****, fuq ġia imsemmija, il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat ukoll jekk kienx dovut xi ħlas lill-attur għas-servizz li seta' ta, u osservat:-*

*"30. Jinsab ritenut fir-rigward li: "Il fatt li bniedem jagħti sempliċement informazzjoni bla ma jagħmel xejn aktar, cioe' bla ma jadopera ruħu bl-ebda mod biex ilaqqa' l-kunsens tal-partijiet, ma jagħtix dritt la għal senserija u lanqas għal kumpens" [****Pace v. Tabone****, Vol.36.ii.394;* ***Bonavia v. Grech*** *21.2.47; Vol.XXXIII.ii.23; Vol.XLIX.II.993]. [PA* ***Anthony Camilleri v. Nicholas Jenson Testaferrata pro et noe****, deċiża 28 ta' Jannar 2004]".*

Imbagħad fil-każ **Martyna Petrulyte vs North Key Real Estate Ltd deċiż fil-11 ta' Mejju 2021** ingħad hekk -

*"Fis-sentenza* ***Legend Real Estate Limited vs. Paul Pisani*** *(deċiża mill-Prim' Awla fid-29 ta' Ottubru 2004), ġie spjegat hekk dwar is-senserija:*

*"Biex jiskatta d-dritt għas-senserija jridu jikkonkorru tlett elementi prinċipali: (1) illi l-konklużjoni tan-negozju prospettat; (2) Illi l-intromissjoni tas-sensar tkun ġiet rikjesta jew almenu aċċetata miż-żewġ kontraenti; u (3) Illi l-attività tas-sensal tkun wasslet lill-partijiet għal in idem placitum consensus. Fin-nuqqas ta' wieħed minn dawn l-ingredjenti ma tistax tiġi sostnuta talba għal ħlas ta' senserija, imma jista' biss 'per equipollens' jingħata kumpens għax-xogħol magħmul, fuq il-massima legali li omnia labor optat premium.*

*L-iskop prinċipali ta' kwalunkwe persuna sabiex takkwista d-dritt ta' medjazzjoni huwa dak li tlaqqa' l-kunsensi tal-partijiet interessati fl-operazzjoni wara li jieħu sehem attivi u intelliġenti fil-proġettata u proposta konvenzjoni. Għall-akkwist tas-senserija, is-sensal irid jara li permezz tiegħu hu jlaqqa l-partijiet interessati*

*fuq dawk l-elementi tal-operazzjoni klassikament imsejħa "is-sostanzjali u l-aċċidentali" tal-kuntratt.*

*Jekk is-sensal ikun ikkonċilja l-partijiet dwar is-sostanzjali u aċċidentali ta' l-operazzjoni, b' mod li n-negozju ġuridiku jiġi konkjuż, allura, jekk ix-xogħol tiegħu ma jkunx koronat bl-esekuzzjoni effettiva għal xi raġuni, li ma tkunx it-tort jew il-fatt tiegħu, hu għandu dejjem dritt għall-ħlas; iżda mhux għas-senserija piena, imma għal kumpens in bażi għal mandat jew lokazzjoni d'opera fissabbli diskrezzjonalment mill-Qorti.*

*Fejn imbagħad ma sseħħx il-vera u proprja senserija it-temperament tal-kumpens, introdott fil-ġurisprudenza lokali, biex iseħħ jrid jippresupponi inkarigu espress jew taċitu, u xi xogħol u mhux li bniedem sempliċement jagħti informazzjoni bla ma jagħmel xejn aktar, ċioe' bla ma jadopera ruħu bl-ebda mod ieħor.*

*Dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna li biex wieħed ikollu dritt għas-senserija hemm bżonn li s-sensar ikun wassal lill-partijiet għall-ftehim definittiv fuq il-kondizzjonijiet kollha, kemm sostanzjali u kemm aċċidentali ta' l-operazzjonijiet, kif ukoll li s-sensar ikun ġie aċċetat mill-partijiet involuti, jiġifieri hemm bżonn li ż-żewġ partijiet ikunu qabbdu jew almenu aċċettaw lis-sensar bħala tali; u konsegwentement ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija iżda ta' sempliċi locatio operarum meta l-persuna tkun intommettiet ruħha b' inkariku ta' waħda biss mill-partijiet."*

*Fis-sentenza* ***Louis Fava vs. Av. Philip Attard Montalto et noe*** *(deċiża mill-Qorti tal-Appell [Superjuri] fis-16 ta' April 2004) intqal:*

*"Sabiex persuna tkun intitolata għas-senserija jrid jirriżulta li:-*

*a) l-intromissjoni tal-medjatur tkun aċċettata miż-żewġ naħat, anke taċitament;*

*u*

*b) Illi bhala riżultat tal-opera tal-medjatur isir il-ftehim bejn il-partijiet.*

*Biex persuna tkun intitolata titlob senserija, prossenetiku, jeħtieġ, fost affarijiet ohra, li l-intromissjoni tagħha tkun ġiet rikjesta, jew almenu aċċettata, sija pure taċitament, miż-żewġ kontraenti; jiġifieri hemm bżonn li l-partijiet ikunu nkarikaw, jew almenu aċċettaw, is-sensal bħala tali. Meta ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, allura l-persuna li tkun intromettiet ruħha b'inkarigu ta' waħda mill-partijiet, tista' jkollha jedd għall-kumpens bħala lokatriċi d'opera. Għaldaqstant ma jistax ikun hemm lok la għal senserija u lanqas għal kumpens bħala mandatarju retribwibbli, meta ma jkunx hemm inkariku jew aċċettazzjoni tas-serviġi."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, il-Qorti tosserva li ndubjament fl-istadju inizjali l-attur kellu rwol attiv sabiex ikkonvinċa lill-konvenut Sandro Mamo jibda negozjati mad-diretturi tas-soċjeta' J & S fir-rigward tar-ristoranti ta' Browns. Dan peress li, kif irriżulta mill-provi, oriġinarjament Mamo kien imħajjar jinnegozja t-trasferiment ta' stabbiliment ieħor fl-akwati ta' l-istess Waterfront. Kien ukoll bl-intervent tal-attur li sar l-ewwel kuntatt bejn il-konvenut Sandro Mamo u d-diretturi ta' J & S fejn minn hemm skattaw in-negozjati bejn Mamo u u J & S li wasslu biex eventwalment ġie ffirmat il-kuntratt ta' trasferiment taż-żewġ ristoranti msemmija.

Jirriżulta wkoll li ġjaladarba sar l-ewwel kuntatt bejniethom bis-saħħa tal-attur, it-trattativi dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li eventwalment wasslu għat-

trasferiment imsemmi saru direttament bejn id-diretturi ta' J & S (partikolarment Shane Scicluna) u Sandro Mamo. Jirriżulta wkoll li dawn it-taħdidiet, filwaqt li fil-bidu kienu marbutin mar-ristorant *Dine and Dance*, imbagħad twessgħu u bejniethom J & S u Mamo bdew jinnegozjaw ukoll fuq it-tieni ristorant tant li eventwalment sar it-trasferiment tiegħu ukoll. **Senjatament l-attur ma kienx ikun preżenti u ma pparteċipax direttament f'dawn it-taħdidiet bejniethom. Lanqas kien direttament involut bejniethom fir-rigward tan-negozjar tal-prezz aħħari tat-trasferiment**.

Inoltre, lanqas il-kuntratt ta' trasferiment taż-żewġ ristoranti tat-28 ta' Novembru 2012 ma jirreferi għal ħlas ta' senserija.

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-involviment tal-attur fil-viċenda ma tikkwalifikax bħala senserija għall-finijiet u effetti tal-liġi u kif ġie sew eluċidat fil-ġurisprudenza ċitata, stante li l-medjazzjoni diretta tiegħu bejn J & S u Mamo seħħet biss fil-fażi inizjali li minnha skattaw in-negozjati bejniethom.

Jifdal pero' kunsiderazzjonijiet oħra xi jsiru –

i) Il-konvenuti jargumentaw li Sandro Mamo kien offrielu senserija ta' €10,000 biss f'każ li l-attur kien jirnexxielu jniżżel il-prezz tat-trasferiment għal €200,000 u fil-fehma tagħhom la dan ma seħħx allura xejn ma hu dovut lill-attur. Madankollu l-provi juru li anke jekk fil-kors tat-taħdidiet mas-soċjeta' J & S kien qed jidher ċar li t-trasferiment ma kienx ser iseħħ b'dak il-prezz, il-konvenuti, partikolarment Sandro Mamo, baqgħu ifittxu l-għajnuna u l-pariri tal-attur b'rabta man-negozjati relattivi;

ii) L-attur xehed li Sandro Mamo kien wegħdu li l-€10,000 xorta kien ser itihomlu;

iii) Irriżulta mill-provi li oltre għall-inkontru inizjali bejn Sando Mamo u Shane Scicluna tal-J & S u waqt li kienu għaddejjin it-taħdidiet bejniethom, l-attur kien qiegħed jassisti direttament u kontinwament lill-konvenut Sandro Mamo minn wara l-kwinti fuq diversi aspetti. Hekk per eżempju l-accountant tal-konvenuti stess xehed li kien mar id-dar tal-konvenut Mamo fejn kien hemm anke l-attur u flimkien iddiskutew dettalji dwar jekk huwhiex vijabbli li l-konvenuti jidħlu għal dan in-negozju ta' Browns jew le. Ukoll, kif anke xehed l-avukat Michael Grech, l-attur kien anke mar kemm -il darba l-uffiċċju tiegħu flimkien ma' Mamo dwar aspetti relatati man-negozjar li kien għaddej fir-rigward taż-żewġ ristoranti;

iv) Mill-assjem tal-provi l-Qorti tqis li din il-verżjoni tal-attur fejn jgħid li l-konvenuti xorta kienu obbligaw ruħhom li jtuh l-€10,000 hija kredibbli fuq bażi ta' probabilta' għal dawn ir-raġunijiet –

- anke jekk kif ingħad, fil-kuntratt ta' trasferiment tan-negozju tat-28 ta' Novembru 2012 ma ssemma xejn b'mod uffiċjali dwar xi kumpens dovut lill-attur, l-avukati Michael Grech u Shaheryar Ghaznavi t-tnejn ikkonfermaw li dakinhar fil-preżenza tagħhom kien sar id-diskors li l-konvenuti kellhom jagħmlu l-ħlas lill-attur (deskritta bħala senserija fix-xhieda tagħhom);

- effettivament fl-1 ta' Frar 2013, il-konvenut Sandro Mamo kiteb lill-attur ċekk għall-ammont proprju ta' €10,000 (li eventwalment it-tisrif tiegħu twaqqaf mill-konvenuti). Il-konvenuti jargumentaw li dan kien inħareġ biex ikopri circa xagħrejn paga (€5,000 fix-xahar) inkluż il-*commission* bħala rispett u ħbiberija peress li waqqfu lill-attur mix-xogħol. Il-Qorti

pero' ssibha diffiċli li temmen din il-verżjoni. Huwa paċifiku li l-attur kien jaqla' circa €900 fil-ġimgħa u kwindi circa €3600 fix-xahar. Huwa konċess ukoll li l-attur kellu jitħallas ukoll il-*commission* fuq il-bejgħ iżda hija stramba ferm li tali *commission*, fuq xahrejn in fila telgħet eżatt għal €1,400 fix-xahar biex b'hekk jiġi ammont ta' €5,000 fix-xahar.

- inoltre, tenut kont id-difiża tal-konvenuti dwar l-allegat atteġjament tal-attur fil-perjodu tax-xahrejn qabel tkeċċa u tenut kont ukoll il-*cost cutting* li huma kienu qed jisħqu dwaru f'dik l-epoka, l-Qorti taraha pjuttost inverosimili li f'dawn iċ-ċirkustanzi l-konvenuti kienu tant ħerqana li jaġixxu b'tant ġenerożita' mal-attur u *bona gratia* jtuh €10,000 bħala xahrejn paga talli kien tneħħa mill-impjieg;

v) Il-Qorti għalhekk tqis, fuq bażi ta' probabilta', li dak iċ-ċekk ta' €10,000 ingħata mill-konvenuti lill-attur bi qbil bejniethom għall-fatt li kien bis-saħħa tal-attur li l-konvenuti ġew f'kuntatt għall-ewwel darba mas-soċjeta' J & S u wkoll għal għajnuna u pariri li tahom matul il-perjodu tan-negozjati mas-soċjeta' J & S.

Konsegwentement, u mill-assjem tal-provi l-Qorti tasal għall-konklużjoni u tiddikjara li, għalkemm ma' ġiex pruvat li l-attur jistħoqqlu l-ħlas ta' senserija għall-finijiet u effetti tal-liġi, irriżulta li bi qbil volontarju bejn il-partijiet, il-konvenuti kellhom iħallsu l-kumpens ta' €10,000 lill-attur għal għajnuna u pariri li tahom sakemm ġie ffirmat il-kuntratt ta' trasferiment tat-28 ta' Novembru 2012.

**Għalhekk, l-ewwel żewġ talbiet tal-attur sejrin jintlaqgħu safejn kompatibbli ma' dak appena deċiż u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti sejra tiġi miċħuda.**

2. <u>**Ġurisdizzjoni tal-Qorti b'referenza għat-tielet sas-sitt talba tal-attur**</u>

Fit-**tieni eċċezzjoni** l-konvenuti ssollevaw l-inkompetenza ta' din il-Qorti fir-rigward tat-talbiet tal-attur enumerati (iii) sa (vi) stante li fil-fehma tagħhom, dawn jeħtieġu stħarriġ dwar materji marbuta mal-impjieg tal-attur, senjatament in-natura tal-kuntratt ta' mpjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, u jekk it-tkeċċija kinitx waħda ġusta jew le. Il-konvenuti jsostnu li dawn huma aspetti li l-indaġini dwarhom tispetta lit-Tribunal Industrijali li għandu ġurisdizzjoni esklussiva li jiddeterminahom ai termini tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet imsemmija.

**Fl-artikolu 75 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali** (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta) jinsabu l-materji li għalihom il-leġislatur akkorda ġurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali. Dan l-artikolu, kif viġenti fl-epoka tal-impjieg tal-attur, kien jipprovdi hekk –

*"Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;*

*u*

*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra."*

i) Aspetti marbuta man-natura tal-kuntratt ta' mpjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-attur jaqgħu taħt il-kappa tat-Titolu I tal-Att. Dan it-titolu ntitolat "Relazzjonijiet dwar l-Impiegi" jinkorpora 48 artikolu mqassmin fuq 7 taqsimiet:

Taqsima I : Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi
Taqsima II : Kondizzjonijiet magħrufa ta` Impieg
Taqsima III : Protezzjoni tal-Pagi
Taqsima IV : Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata ma` l-Impieg
Taqsima V : Temm ta` Kuntratti ta` Servizz
Taqsima VI : Infurzar u Ksur rigward Impiegi
Taqsima VII : Amministrazzjoni li għandha x`taqsam ma` Impiegi

Kif inhu anke konfermat fil-ġurisprudenza, mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I tal-Att li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali iżda dawk biss li fihom hemm referenza speċifika għat-Tribunal.

Din il-Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet fil-każ **Dr Abdalla Mohamed Kablan vs Scheduit Ltd deċiż fis-6 ta' Ġunju 2018 –**

*"Kif diga` kellha okkazjoni din il-Qorti kif presjeduta tesprimi ruhha fis-sentenza in parte li tat fil-31 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Grima vs M H Malta Limited**", mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn esami tas-seba` taqsimiet tat-Titolu I. Propju ghaliex fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan ghamiltu car u tond. Per ezempju, fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa` taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni, kif tghid il-ligi stess. Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta b`deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b` mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.*

[….]

*Ikkunsidrat –*

*In kwantu ghal Taqsima III (Protezzjoni tal-Pagi)citata mill-konvenuta, din il-Qorti terga` taghmel riferenza ghall-Art.75(1)(b) –*
*it-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni li jikkunsidra u jiddeciedi ... il-kazijiet kollha li jaqghu taht ilgurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` regolamenti preskritti tahtu ...*

*Fit-test Ingliz –*

*the Industrial Tribunal shall have exclusive jurisdiction to consider and decide ... all cases falling within the jurisdiction of the Industrial Tribunal by virtue of Title I of this Act or any regulations prescribed thereunder ...*

*Kif diga` rrilevat qabel, din il-Qorti tghid li din id-disposizzjoni inkitbet b`dak il-mod, mhux b`kumbinazzjoni, izda ghal ghan specifiku u cioe` sabiex taghti gurisdizzjoni esklusiva lit-Tribunal Industrijali f`dawk il-kazi li jaghmlu parti mit-Titolu I jew ir-regolamenti preskritti tahtu u li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Kif diga` rajna, fejn fit-Titolu I, il-ligi riedet li jidhol it-Tribunal Industrijali, hekk qalet specifikament. Li kieku l-legislatur ried tassew li l-kazijiet kollha li jirrigwardaw kull wiehed mit-tmienja u erbghin (48) artikoli li jaghmlu t-Titolu I jigi kunsidrat u deciz b`mod eskluziv mit-Tribunal Industrijali, kien jirreferi mill-ewwel u biss ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu I (inkluz ir-regolamenti) u mhux jispecifika il-kazijiet kollha li jaqghu taht ilgurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I jew ta` regolamenti preskritti.*

*In kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuta fejn din tittratta dwar it-Taqsima III, din il-Qorti ssostni li l-ligi mhix tispecifika li d-disposizzjonijiet tat-Taqsima III jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Ghalhekk ghalkemm parti mit-talba tal-attur tirrigwarda hlas ta` leave u allura fil-mertu tista` tinvolvi l-applikazzjoni tal-Art.22(2) citat specifikament mill-konvenuta, dak ma jfissirx li t-talba ghall-hlas tal-leave ghandha tigi trattata u deciza biss mit-Tribunal Industrijali. Anzi din il-Qorti tghid li fil-kuntest tal-azzjoni attrici kif dedotta u cioe` talba ghall-hlas ta` leave wara rizenja (mhux tkeccija) tal-attur mill-impieg, il-gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi dwar din it-talba hija tal-qrati ordinarji mhux tat-Tribunal Industrijali.”*

*Minn din is-sentenza, sar appell li kien deciz fil-11 ta` Novembru 2011.*

*Il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-*

*"L-ghaqda konvenuta appellat minn din is-sentenza, u qed tissottometti illi la darba l-pretensjonijiet attrici jinvolvu l-kundizzjonijiet tal-impieg trattati fit-Titolu I tal-Att, skont l-imsemmi Artikolu 75(1)(b), il-materja tista` biss tigi mistharga mit-Tribunal Industrijali.*

*L-Artikolu 75(1) tal-imsemmi Kap. 452 jiddisponi testwalment ...*

*Minn qari ta` dan l-artikolu hu car li, kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-ghaqda konvenuta, il-ligi ma taghtix gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex din tiddeciedi fuq kull materja inkorporata fit-Titolu I tal-Att. Il-ligi taghti din il-gurisdizzjoni esklussiva fil-kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I. Fi kliem iehor, fejn it-Titolu I jikonferixxi gurisdizzjoni lit-Tribunal, dik il-gurisdizzjoni hi esklussiva.*

*Kieku l-hsieb kien mod iehor, il-ligi kienet sempliciment tghid li kull kwistjoni dwar xi haga imsemmija fit-Titoli I tal-Att, tista` tigi mistharrga biss mit-Tribunal Industrijali. Il-ligi, pero`, ma tghidx dan. Tghid, minflok, li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hi radikata biss fil-kazijiet fejn hu allegat li saret tkeccija ingusta (Artikolu 75(1)(a)) u fil-kazijiet fejn it-Titolu I jaghti gurisdizzjoni lit-Tribunal.*

*Kieku kellu jkun mod iehor, anke dan is-subartikolu (1)(a) kien ikun superfluwu. Din id-dicitura hi ripetuta fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 75 li jiddisponi li:*

*"(2) Meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b`mod ingust minn principal, jew fejn jigi allegat li kien hemm ksur ta` xi dmir li jorigina minn xi haga li taqa` taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht it-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` xi regolament preskritt tahtu, il-kaz ghandu jintbaghat lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-haddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna ohra f`isem u ghal dak il-haddiem."*

*Kwindi, kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali."*

*[.....]*

*Dan it-Tribunal huwa bord b`gurisdizzjoni specjali u ma ghandux jinghata setgha li ma giex espressament konferit lilu bis-sahha tal-ligi. It-Titolu I ma jaghtix "sahha" lit-Tribunal Industrijali ghall-materji kollha regolati b`dak l-istess Titolu, u fejn allura ma hemmx din l-attribuzzjoni, il-gurisdizzjoni ta` dawn il-qrati mhix eskluza."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis għalhekk li l-istħarriġ tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u n-natura tal-kuntratt ta' mpjieg tal-attur, avolja jinsabu taħt it-Titolu I tal-Att ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali stante li l-Att innifsu ma jispeċifikax dan.

ii) Inoltre, dwar jekk it-Tribunal Industrijali għandux il-ġurisdizzjoni esklussiva li jiddetermina jekk it-tkeċċija tal-attur mill-impjieg kinitx waħda ġusta jew le l-Qorti tirrileva li qabel xejn għandu jiġi determinat jekk il-kuntratt tal-impjieg tal-attur kienx wieħed definit jew indefinit. Dan stante li qabel ma daħlu fis-seħħ emendi ġodda għall-Kap 452 fis-sena 2020, kienu biss kwistjonijiet ta' tkeċċija nġusta ta' ħaddiema b'kuntratt indefinit li kienu meqjusin li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti kienet għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet fil-każ **AquaBioTech Ltd vs Giorgji Antevski deċiż fis-6 t'Ottubru 2021 -**

*"Il-Qorti sejra l-ewwel tagħmel referenza għal dak li ngħad mill-Qrati dwar eċċezzjonijiet simili qabel ma ddaħħlu fis-seħħ emendi ġodda permezz tal-Att Nru LVIII tal-2020 (li sejra ssir referenza għalih aktar 'il quddiem).*

*Sa qabel ma ġie ntrodott dan l-Att appena msemmi, eċċezzjonijiet simili għal dik odjerna f'kawżi li jirrigwardaw terminazzjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien definit ġew trattati u deċiżi mill-Qrati tagħna fis-sens li l-artikolu 75 (1) (a) tal-Kap 452 ġie meqjus li ma huwhiex applikabbli għal kuntratti ta' xogħol għal perjodu definit. Dan peress li kuntratt ta' impjieg għal terminu ta' żmien fiss ma kienx jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "tkeċċija inġusta" li hemm fil-Kap 452 stante li tali definizzjoni kienet tirreferi biss għal tkeċċija ta' mpjegat b'kuntratt għal*

*perjodu ndefinit. Għaldaqstant il-konklużjoni kienet li l-artikolu 75 (1) (a) tal-Kap 452 ma jinkludix kwistjonijiet ta' tkeċċija nġusta marbuta ma' temm ta' mpjieg għal żmien fiss.*

*Kien ingħad hekk fil-każ* ***Nenad Veselji vs St. Andrew's Football Club deċiż fl-24 ta' Ġunju 2020*** *-*

*"Is-sentenza tal-lum hija limitata għat-tielet eċċezzjoni tal-klabb konvenut li permezz tagħha eċċepixxa li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi l-kawza peress li a tenur tal-artikolu 75 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta), huwa t-Tribunal Industrijali li għandu ġurisdizzjoni u kompetenza jisma l-każ.*

*L-artikolu 75(1) tal-Kap. 452, sa fejn huwa rilevanti għall-mertu tal-kwistjoni li ser tiġi deċiża llum, jaqra hekk:*

*"Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;*

*u*

*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra."*

*Skont l-istess Att, 'tkeċċija inġusta' tfisser hekk:*

*"(a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, jew*

*(b) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4),*

*Jew*

*(ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu; u tinkludi kull nuqqas mill-prinċipal li jerġa' jimpjega lil dik il-persuna jew li jerġa' jimpjegaha skont l-artikolu 36(3);"*

*Eċċezzjoni simili għal dik tal-lum ġiet trattata u deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Jannar 2019 filkawża fl-ismijiet* ***Waldemar David Galea vs l-Università ta' Malta****.*

*"Paragrafu (a) tal-artikolu 75(1) isemmi biss kuntratt ta' impieg ghal zmien mhux stabbilit. Ladarba fl-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) hemm definizzjoni tal-kliem 'tkeccija ingusta', dawk il-kliem jistgħu jfissru biss dak li tghid id-definizzjoni.*

*Għaldaqstant, tkeċċija ta' impjegat b'kuntratt ta' impieg għal żmien fiss, ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' 'tkeċċija inġusta' li hemm fil-Kap. 452. Għalhekk paragrafu (a) tal-artikolu 75(1) ma japplikax għall-kuntratti ta' impieg għal żmien fiss. Il-każ in eżami lanqas mhu xi każ tat-tip li jissemmew f'paragrafi (b) u (c) tal-istess disposizzjoni.*

*Saret riferenza għas-sentenza* ***Nehls v Sterling Travel and Tourism Limited*** *li din il-qorti tat-23 ta' Frar, 2005. Dak il-każ kien ukoll jikkonċerna impieg b'terminu fiss. Fih il-qorti eżaminat jekk it-Tribunal Industrijali kellux ġurisdizzjoni taħt paragrafu (b) tal-artikolu 75(1). Għalkemm hu minnu li kif qalet dik il-qorti d-definizzjoni ta' 'tkeċċija inġusta' ġiet amplifikata minn kif kienet id-disposizzjoni qabel it-tibdil li sar bil-Kap. 452, madankollu mid-disposizzjoni hu ovvju li ma ġietx amplifikata biex tinkludi tkeċċija minn impieg b'terminu fiss.*

*Kien taħt paragrafu (b) li f'dik is-sentenza din il-qorti waslet biex tgħid li t-Tribunal Industrijali għandu l-kompetenza sabiex jiddeciedi l-kaz. Konklużjoni li jidher li waslet għaliha ghaliex:*

*"Jidher manifestament minn din id-dikjarazzjoni illi l-appellata kienet qed tinvoka d-dispost ta' l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452 raffigurat taħt Taqsima V - Temm ta' Kuntratti ta' Servizz, hekk formanti parti minn Titolu I ta' l-Att li għalih jirreferi s-subinċiż (b) ta' l-Artikolu 75."*

*Paragrafu (b) ma jgħidx li t-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni fil-każijiet kollha li jissemmew f'Titolu I, iżda biss "(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu".*

*Dwar din id-disposizzjoni il-qorti taqbel mar-ragunament tal-appellanti (ara pagni 7-9 tar-rikors tal-appell). F'Titolu I tal-Kap. 452 jissemmew espressament il-kazijiet fejn wieħed għandu jfittex rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali (ara artikolu 30 tal-Kap.452). Fir-rigward ta' każijiet oħra, inkluż dawk li jissemmew f'artikolu 36(11) u (14) it-Tribunal Industrijali ma jissemmiex. Fit-Titolu I huma identifikati każijiet fejn l-ilment għandu jsir quddiem it-Tribunal Industrijali, u l-qorti tifhem paragrafu (b) tal-artikolu 75(1) fis-sens li qiegħed jirreferi għal dawk il-każijiet biss u mhux għal kull każ li jista' jinqala' fejn tapplika xi disposizzjoni taħt Titolu I tal-Kap. 452. Il-qorti hekk biss tista' tifhem il-kliem 'li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I.*

*Il-qorti żżid li jekk il-leġislatur kellu l-intenzjoni li kull każ li jaqa' taħt Titolu I tal-Att ikun fil-ġurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali, il-qorti tifhem li f'paragrafu (b) tal-artikolu 75 kien jingħad espressament li t-Tribunal Industrijali għandu l-kompetenza esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha li jaqgħu taħt Titolu I tal-Att, u mhux il-każijiet li "jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I."*

*Hu minnu li l-artikolu 75(1) ikompli li r-rimedju għall-impjegat imkeċċi jew "li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att" hu biss quddiem it-Tribunal Industrijali. Pero' dawk il-kliem iridu jigu applikati b'mod li ma jġibux fix-xejn paragrafu (b) tal-istess disposizzjoni."*

*Din il-Qorti tikkondividi bis-sħiħ dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell. Il-liġi hija ċara u għal dak li għandu x'jaqsam ma tkeċċija inġusta, il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali hija limitata skont ma jipprovdi l-artikolu 75(1). Il-klabb konvenut jinsisti li f'din il-kawża l-ewwelnett irid jiġi deċiż jekk kienx hemm tkeċċija inġusta, iżda tkeċċija ta' impjegat b'kuntratt ta' impieg għal żmien fiss, ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' 'tkeċċija inġusta' li nsibu fil-Kap. 452.*

*Għalhekk, paragrafu (a) tal-artikolu 75(1) ma japplikax għall-kuntratt mertu tal-kawża. Il-każ in eżami lanqas ma huwa xi każ tax-xorta li jissemmew f'paragrafi (b) u (c) tal-istess disposizzjoni tal-liġi. Isegwi għalhekk illi m'għandux raġun il-klabb konvenut meta jgħid li huwa t-Tribunal Industrijali li għandu ġurisdizzjoni u kompetenza esklussiva sabiex jisma' u jiddeċiedi l-mertu ta' din il-kawża.*

*Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari ta' St. Andrew's Football Club u tordna l-prosegwiment tal-kawża."*

*Fil-każ **Joseph Avellino vs Citadel Insurance plc deċiż fit-12 ta' Lulju 2019** il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-ewwel qorti li kienet laqgħet eċċezzjoni simili għal dik fil-każ odjern u kienet qalet hekk –*

*"Jibda billi jigi osservat li, l-kuntratt ta' xogħol in kwistjoni huwa wieħed għal terminu ta' żmien fiss. Filwaqt li l-attur appellant isejjes l-azzjoni tiegħu fuq Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 u jargumenta li t-terminazzjoni tal-impjieg b'terminu ta' ngaġġ fiss, iwassal għall-obbligu tas-soċjeta` appellata li tagħmel il-ħlas kontemplat fl-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452; min-naħa tagħha s-soċjeta` konvenuta appellata tinsisti li dan l-obbligu ma jibqax fis-seħħ jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-tkeċċija (Artikolu 36(14)). Kwindi ladarba sabiex tiġi nvestita t-talba tal-attur appellant, is-soċjeta` konvenuta appellata tisħaq li jeħtieġ isir stħarriġ dwar jekk it-tkeċċija kenitx waħda ġusta jew le, meta dan, issostni huwa mertu li jispetta lit-Tribunal Industrijali li jinvesti, peress li għandu l-kompetenza esklussiva f'dan il-qasam u dan a tenur tal-Artikolu 75 tal-Kap.452.*

*It-terminazzjoni ta' mpjieg qabel il-waqt ta' kuntratt fiss hu regolat mill-artikolu 36 tal-Kap 452, li fis-subartikoli (11) u (14) jipprovdu hekk: "(11) Prinċipal li jibgħat 'l barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, **ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem**.*

…

*(14) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, **mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12)** jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:"*

*Min-naha l-oħra l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta` konvenuta appellata tissejjes fuq l-Artikolu 75 tal-Kap. 452 li jipprovdi:*

*"(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*

*(a)* ***il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;***

*u*

*(b) il-każijiet kollha li* ***jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu****,*

*"għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju meta ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra.*

*Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-soċjeta` konvenuta appellata, in kwantu għalkemm hija torbot l-azzjoni attriċi mal-esklussività tal-kompetenza tat-Tribunal Industrijali li jisma' każijiet ta' tkeċċija nġusta, kif jingħad fl-Artikolu 75 tal-Kap. 452, hija donnha twarrab il-fatt li l-istess Kap. 452 jagħti definizzjoni ta' tkeċċija nġusta. Dan kuntrarjament għal dak li jingħad mis-soċjeta` konvenuta appellata u mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jagħmel distinzjoni bejn kuntratt t'impieg għal terminu ta' żmien fiss u wieħed għal żmien indefinit. Tant hu hekk li fl-istess tifsira ta' "tkeċċija inġusta" jingħad:*

*"tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser –*

*(a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont iddispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l- Att, jew*

*(b) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew*

*(ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu;"*

*Kwindi ladarba kuntratt ta' impieg ghal terminu ta' zmien fiss ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' tkeċċija nġusta li hemm fil-Kap. 452, huwa ritenut li l-Artikolu*

*75(1)(a) ma japplikax għall-kuntratti ta' żmien fiss. Mill-provi in atti lanqas jirriżulta li l-każ in eżami jaqa' taħt il-każijiet li jissemmew taħt il-paragrafi (b) u (c) tal-istess tifsira. Relevanti f'dan is-sens hija s-sentenza reċenti ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-25 ta' Jannar 2019, fil-kawza fl-ismijiet* ***Waldemar David Galea vs L-Universita' ta' Malta,*** *fejn filwaqt li dik il-Qorti waslet għall-istess konkluzjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 75(1)(a) tal-Kap.452, l-istess Qorti eżaminat ukoll l-interpretazzjoni wara l-Artikolu 75(1)(b) tal-istess Kap. 452 u dan fid-dawl tas-sentenza ċitata kemm mill-ewwel Qorti, kif ukoll miż-żewġ kontendenti f'din il-kawża, ta'* ***Rita Nehls v. Sterling Travel and Tourism Limited*** *.....*

*(....)*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 75(1)(b) tal-Kap. 452, liema interpretazzjoni tinsab assodata wkoll fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Novembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet* ***Karmenu Vella v. General Workers' Union,*** *fejn ingħad ukoll li kieku kellha tingħata nterpretazzjoni mod ieħor, anke s-subartikolu (1)(a) talArtikolu 75 kien ikun superfluwu u kwindi mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I, jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Kif ġustament josserva l-attur appellant fir-rikors tal-appell tieghu, ladarba l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa ta' dawn il-Qrati, l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali mnissla mill-provvedimenti ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti li huma maħsuba f'dik il-liġi speċjali. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet* ***Mary Doris Camilleri vs St. Paul's Court Ltd et****).*

*Hekk ukoll kif ritenut drabi oħra mill-qrati tagħna, s-setgħa tal-Qorti hekk imsejħa "ordinarja", li tisma' kawża mressqa quddiemha tibqa' sakemm ma jirriżultax li dik is-setgħa ġiet imneħħija b'mod espress permezz ta' provvediment tal-liġi. Eżempju ċar huma r-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss (L.S.452.81), li jipprovdu speċifikatament li l-ilmenti għal dawk il-każijiet fejn il-prinċipal ikun kiser id-dritt mogħti lilu b'dawk ir-regolamenti (bħal per eżempju l-prinċipju ġenerali ta' non-diskriminazzjoni taħt ir-regolament numru 4), għandhom jitressqu quddiem it-Tribunal Industrijali (regolament 8). Kwindi għalkemm dawk ir-regolamenti dwar kuntratti ta' servizz*

*għal terminu fiss, daħlu fis-seħħ wara s-sena 2007, lanqas jipprovdu għall-kompetenza tat-Tribunal Industrijali fil-każ partikolari ta' tkeċċija minn impieg fiss jew għat-talba għall-ħlas ikkontemplat fl-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452.*

*Isegwi li l-attur appellant għandu raġun fl-aggravju tiegħu u ssib li l-ewwel Qorti żbaljat fl-interpretazzjoni tagħha u fl-applikazzjoni tal-liġi. Għalhekk din il-Qorti għar-raġunijiet hawn appena spjegati, ma taqbilx mal-asserzjoni tas-soċjeta` appellata, in kwantu minn qari tal-provvedimenti tal-Kap. 452, l-każijiet ta' tkeċċija nġusta f'kuntratt għal terminu ta' żmien fiss, ma jaqgħux fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Kif lanqas ma jirriżulta li jaqgħu azzjonijiet taħt l-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 jew stħarriġ ta' raġuni tajba u biżżejjed li jeżenta lill-prinċipal mill-obbligu tal-ħlas maħsub taħt l-Artikolu 36(14) tal-Kap. 452. Kwindi din il-Qorti ser tirrimanda l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigħ tal-provi tal-kawża, u tistħarreġ il-pretensjonijiet tal-attur, fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cioe jekk kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed li jeżentawha milli twettaq il-ħlas pretiż mill-attur.*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet kollha, filwaqt li tilqa' l-appell tal-attur Joseph Avellino, u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Ġunju, 2014, fl-ismijiet premessi, minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta Citadel Insurance plc dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ratione materiae tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili milli tkompli tisma' dan il-każ.*

*Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti."*

*Madankollu sussegwentement seħħ intervent leġislattiv permezz tal-Att Nru LVIII tal-2020 li ntroduċa diversi emendi għall-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta). Ewlenin fost l-emendi kien hemm dik li tirrigwarda l-artikolu 2 fejn it-tifsira ta' "tkeċċija nġusta" twessgħet biex tinkludi wkoll "terminazzjoni mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' servizz għal terminu fiss." B'hekk il-ġurisdizzjoni esklużiva tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-artikolu 75 (1) (a) tal-Att ġiet estiża għal każijiet ta' tkeċċija nġusta ta' mpjegati b'kuntratt ta' xogħol għal perjodu definit. Inoltre, bl-istess emendi, ġie mogħti lit-Tribunal Industrijali il-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi t-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntrattta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-*

*data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt ai termini tal-artikolu 75 (1) (b) tal-Att.*

*Għalkemm prima facie dawn l-emendi jidhru li jagħtu raġun lis-soċjeta' attriċi fl-eċċezzjoni tagħha, fl-istess Att imsemmi hemm dispożizzjoni transitorja li tgħid hekk -*

*"5.(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar l-Impjegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għandhom japplikaw għal kull proċedura li għandha x'taqsam mat-terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss li huma pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti tal-Maġistrati(Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri) u t-Tribunal Industrijali u liema każi kienu għadhom pendenti meta jidħol fis-seħħ dan l-Att u li ma sarux res judicata.*

*(2) Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri), minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jibqgħu kompetenti li jittrattaw dawk il-każijiet ta' terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss illi kienu qegħdin jinstemgħu quddiemhom <u>qabel</u> ma daħal fis-seħħ dan l-Att inklużi dawk li ġew trasferiti għall-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri) mit-Tribunal Industrijali qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Att. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri) għandhom jibqgħu jieħdu konjizzjoni tat-tali każijiet sakemm dawn jiġu deċiżi definittivament minn dik il-qorti.*

*(3) It-Tribunal Industrijali, minkejja kull talba li għandha x'taqsam dwar nuqqas ta' ġuriżdizzjoni mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jkun kompetenti li jittratta dawk il-każijietta' terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta'żmien fiss wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att."*

*Dan l-Att ġie ppublikat fil-11 ta' Diċembru 2020. Il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti ġiet intavolata fil-5 ta' Novembru 2020 u kwindi* ***<u>qabel</u>*** *ma daħal fis-seħħ l-Att imsemmi.*

*Konsegwentement din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni meħtieġa skont il-liġi sabiex tkompli tisma' l-kontro-talba mressqa mill-konvenut."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tagħmel dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar jekk l-impjieg tal-attur kienx wieħed definit għal tlett snin u nofs jew inkella jekk l-impjieg tiegħu kienx wieħed ndefinit -

a) Jingħad *in primis* li huwa minnu li skont l-*employment history* tal-attur a fol 317 *et seq* l-impjieg tiegħu mas-soċjeta' J & S mill-1 ta' Frar 2012 sat-30 ta' Novembru 2012 huwa wieħed *full time*, b'mod indefinit. Iżda, mingħajr ma tiddiskredita' l-uffiċjalita' tad-dokument esibit in atti, hija l-fehma tal-Qorti li dak hemm indikat, ma jirriflettix ir-realta' tal-impjieg tal-attur mas-soċjeta' J & S kif irriżulta ampjament mill-provi. Del resto, d-dokument imsemmi lanqas biss jindika (għax probabbli l-ETC ma kinux ġew notifikati) l-fatt li mill-1 ta' Diċembru 2012 sal-1 ta' Frar 2013 l-attur ħadem mal-konvenuti fil-kċina tar-ristoranti ta' Browns fil-Valletta Waterfront.

Għalhekk il-Qorti tqis li ma tistax tistrieħ fuq il-kontenut tal-*employment history* tal-attur esibita in atti għax ma fihiex informazzjoni korretta u preċiża meta mqabbla mal-provi riżultanti għall-fini tal-każ odjern. Il-Qorti tissottolinea nvece li hija ser timxi fuq dak li rriżultalha mill-assjem tal-provi fil-kawża;

b) Mill-atti ntwera li l-attur ġie oriġinarjament impjegat mas-soċjeta' J & S b'mod definit għal tlett snin u nofs b'effett mill-1 ta' Frar 2012 u dan kien konfermat mhux biss mill-attur innifsu fix-xhieda tiegħu iżda anke minn xhieda oħra –

- L-avukat Ghaznavi, li kif anke kkonferma Shane Scicluna stess fl-affidavit esibit, kien dak li kellu għarfien sħiħ tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-attur, xehed bl-aktar mod kategoriku li l-attur kien ġie mpjegat

mis-soċjeta' J & S għal terminu ta' tlett snin u nofs u li marbut ma' dak il-perjodu ta' mpjieg huwa stess kien ħareġ ċekk ta' garanzija għas-somma ta' €50,000;

- L-avukat Michael Grech ukoll ikkonferma li l-kuntratt ta' mpjieg tal-attur, għalkemm ma sarx bil-miktub, kien għall-perjodu ta' tlett snin u nofs;

- Il-konvenut Sandro Mamo stess kien xehed li kien konsapevoli tal-fatt li Shane Scicluna kien offra somma ta' darba ta' €50,000 bħala rigal biex jieħu lill-attur jaħdem miegħu għal tlett snin u nofs.

<u>Fid-dawl tas-suespost, il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-impjieg tal-attur kien wieħed definit għal perjodu ta' tlett snin u nofs li bdew uffiċjalment jiddekorru mill-1 ta' Frar 2012</u>.

Stabbilit dan il-fatt, il-Qorti tmur lura għall-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar il-kompetenza tal-Qorti. Tqis li a bażi tal-insenjament ġurisprudenzjali suespost, ladarba l-każ odjern li jinkludi mertu marbut mal-impjieg ta' żmien fiss tal-attur ġie ntavolat fl-4 t'Ottubru 2013 u kwindi qabel ma daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, allura t-talbiet enumerati (iii) sa (vi) tal-attur għandhom jiġu trattati u deċiżi minn din il-Qorti.

**It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti sejra għalhekk tiġi respinta.**

Il-Qorti sejra għalhekk tipproċedi bil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talbiet rimanenti fil-mertu.

## 3. Djun dovuti u obbligi li ma ġewx onorati

**Fit-tielet talba** tiegħu l-attur qed jitlob lill-Qorti tiddikjara u tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsuh id-djun dovuti lilu b'rabta mal-impjieg tiegħu bħala *Head Chef* fiż-żewġ ristoranti in kwistjoni.

Fit-**tielet eċċezzjoni** tagħhom il-konvenuti jargumentaw li huma mhumhiex leġittimi kontradittturi għal din it-talba stante li ma kinux parti mill-ftehim bejn is-soċjeta' J & S u l-attur, u jekk fil-fatt kien hemm dan il-ftehim, il-konvenuti f'ebda ħin ma assumew id-djun li seta' kellha s-soċjeta' msemmija.

Imbagħad, fir-**raba eċċezzjoni** jgħidu li bla preġudizzju għal dan, huma mhumhiex debituri tal-attur.

Mill-atti rriżulta li sabiex jassikuraw is-servizzi tiegħu fiż-żewġ ristoranti in kwistjoni s-soċjeta' J & S kienet intrabtet li fost oħrajn, oltre l-paga, kellha tħallas lill-attur is-somma ta' €50,000. Huwa paċifiku li sakemm is-soċjeta' J & S kienet għadha tiġġestixxi r-ristoranti in kwistjoni, hija kienet diġa' ħallset €25,000 lill-attur a bażi tal-ftehim bejniethom li dan l-ammont jitħallas sal-Milied 2012. Skont l-istess ftehim, kif qalu l-avukati Michael Grech u Shaheryar Ghaznavi, il-ħlas tal-bilanċ kien pospost u kellu jitħallas sa Frar 2013 stante s-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjeta' J & S. Inħareġ anke ċekk għall-ammont sħiħ ta' €50,000 mill-avukat Ghaznavi, bħala avukat tas-soċjeta' J & S, sabiex iservi ta' garanzija għall-ħlas għalkemm dan qatt ma ġie mssarraf[36]. Il-ftehim bejn l-attur u s-soċjeta' J & S kien li jekk l-attur jitlaq hu, irid iħallas lura *pro rata* l-flus żejda li jkun irċieva. Jekk **jitkeċċa,** l-attur irid jingħata s-somma **kollha** mill-employer.

[36] Wieħed irid jiftakkar ukoll li l-attur kien ġia rċeva nofs dan l-ammont.

Peress li mill-1 ta' Diċembru 2012 kienu daħlu fix-xena l-konvenuti, l-kompitu tal-Qorti huwa li testabilixxi jekk l-obbligu għall-ħlas tal-€25,000 rimanenti lill-attur ġiex trasferit lill-konvenuti mingħand J & S.

Fl-ewwel lok u għal kull buon fini l-Qorti tirrileva li fl-1 ta' Diċembri 2012 seħħ trasferiment tan-negozju bejn is-soċjeta' J & S u l-konvenuti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**L-artikolu 38 (1) tal-Kap 452** jipprovdi hekk -

*"Meta negozju jew azjenda oħra jittieħed il-kontroll tagħhom, għal kollox jew f'parti, minn persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "il-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju") mingħand prinċipal (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "min jittrasferixxi"), kull impjegat fl-impieg ta' min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju għandu jitqies li jkun fl-impieg tal-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tassumi d- drittijiet u l-obbligi kollha li min jittrasferixxi għandu rigward l-impjegat."*

Imbagħad,ir-regolament 3(1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 452.85 intitolata "Ħarsien tal-Impjiegi fi Trasferiment ta' Negozju", fil-paragrafu (a) sa (d) tiegħu jipprovdi li -

*"1) L-artikolu 38 tal-Att u dawn ir-regolamenti għandu japplika:*

*(a) għal kull trasferiment ta' azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju lil prinċipal ieħor b'riżultat ta' trasferiment jew fużjoni legali:*

*Iżda jkun hemm trasferiment skont dan ir-regolament kull meta jkun hemm trasferiment ta' enti ekonomika li tibqa' żżomm l-identità tagħha, bl-objettiv li ssegwi attività ekonomika;*

*(b) għal bidla fil-forniment ta' servizz;*

*(ċ) għal kull azjenda li tagħmel attivitajiet ekonomiċi kemm jekk dik l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le, u kemm jekk tkunx topera għall-qligħ kemm jekk le;*

*(d) meta u safejn l-azjenda, negozju jew parti mill-azjenda jew negozju li se jkun ittrasferit ikun sitwat f'Malta;"*

In linea ta' prinċipji ġenerali in materja ingħad hekk fil-każ **Alessandro Bruno vs GVC New Limited et deċiż fit-**3 ta' Ġunju 2016 –

*"Il-kriterji li jikkostitwixxu t-trasferiment ta' negozju skont il-liġi ġew interpretati kemm mill-Qrati lokali kif ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

*Fil-każ **Maria Norma Abela vs Pater Holding Company Limited et deċiż fit-30 t'April 2008**[37], din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*Mill-interpretazzjoni tagħha ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi [l-artikolu 38 (1) tal-Kap 452 u r-regolament 3 (1) (a) tal-LS 452.85], il-Qorti tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-*

*(1) L-ewwelnett, il-presuppost għall-iskattar ta' l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 għaf-favur ta' l-impjegat hu dak li hu jkun assunt mill-kumpanija ċedenti f' moment anterjuri għat-trasferiment, b' mod li, allura, bħal suċċessur fit-titolarita' ta' l-azjenda jew tan-negozju, iċ-ċessjonarju jsir il-prinċipal ġdid tiegħu. Ifisser, ukoll, illi fis-suċċessjoni ta' dan ir-rapport tax-xogħol ċ-ċessjonarju subentranti jidħol fil-posizzjoni ġuridika sħiħa, attiva u passiva, vis-à-vis l-impjegat;*

*(2) In-negozju, ikkonsidrat fl-individwalita` awtonoma tiegħu, jitlob il-konkors ta' żewġ objettivi prinċipali. Il-wieħed, oġġettiv, rappreżentat mill-kontinwita` tan-negozju jew attivita' bħala entita' ekonomiku. L-ieħor, soggettiv, konsistenti fis-sostituzzjoni ta' l-imprenditur li kien imexxi dak in-negozju jew attivita`;*

*(3) It-"trasferiment" a sensu tar-regolament imsemmi jirrikorri f'dik l-ipotesi fejn l-attivita' objettiva tan-negozju tibqa' immutata, b' dan li ghandek it-tibdil tat-titolari. Jimplika wkoll, b' konsegwenza, illi dak in-negozju ser jissokta jigi prosegwit mit-titolari l-gdid;*

*Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet li joħorġu mir-ratio tad-dixxiplina normattiva fl-artikolu ta' l-Att u tar-Regolament korrispondenti, maħsuba biex jiggarantixxu l-kontinwita' u r-regolamentazzjoni tar-rapport tax-xogħol, hu kompitu tal-ġudikant li jaċċerta x' kien, skond il-volonta tal-kontraenti, l-oġġett speċifiku tal-*

[37] App Nru 32/2007

*kuntratt. Dan dejjem għal fini li jkun verifikat u stabbilit jekk in-negozju jew attivita` ċeduta ġiex ikkunsidrat fl-awtonomija individwali tiegħu;"*

*Fil-każ* ***João Filipe Ferreira da Silva e Brito and Others v Estado português deċiż fid-9 ta' Settembru 2015*** *il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea elenkat is-segwenti prinċipji ġenerali*[38]*:*

*"24 ……it must be borne in mind that the Court has held that Directive 77/187, which has been codified by Directive 2001/23, is applicable wherever, in the context of contractual relations, there is a change in the natural or legal person responsible for carrying on the business who incurs the obligations of an employer towards employees of the undertaking (see judgments in Merckx and Neuhuys, C-171/94 and C-172/94, EU:C:1996:87, paragraph 28; Hernández Vidal and Others, C-127/96, C-229/96 and C-74/97, EU:C:1998:594, paragraph 23; and Amatori and Others, C-458/12, EU:C:2014:124, paragraph 29 and the case-law cited).*

*25 According to settled case-law, the aim of Directive 2001/23 is to ensure continuity of employment relationships within an economic entity, irrespective of any change of ownership. The decisive criterion for establishing the existence of a transfer within the meaning of that directive is, therefore, the fact that the entity in question retains its identity, as indicated inter alia by the fact that its operation is actually continued or resumed (see judgments in Spijkers, 24/85, EU:C:1986:127, paragraphs 11 and 12; Güney-Görres and Demir, C-232/04 and C-233/04, EU:C:2005:778, paragraph 31 and the case-law cited; and Amatori and Others, C-458/12, EU:C:2014:124, paragraph 30 and the case-law cited).*

*26 In order to determine whether that condition is met, it is necessary to consider all the facts characterising the transaction concerned, including in particular the type of undertaking or business concerned, whether or not its tangible assets, such as buildings and movable property, are transferred, the value of its intangible assets at the time of the transfer, whether or not the majority of its employees are taken over by the new employer, whether or not its customers are transferred, the degree of similarity between the activities carried on before and after the transfer, and the period, if any, for which those activities were suspended. However, all those circumstances are merely single factors in the overall assessment which must be made and cannot therefore be considered in isolation (see judgments in Spijkers,*

[38] C- 160/14

> *24/85, EU:C:1986:127, paragraph 13; Redmond Stichting, C-29/91, EU:C:1992:220, paragraph 24; Süzen, C-13/95, EU:C:1997:141, paragraph 14; and Abler and Others, C-340/01, EU:C:2003:629, paragraph 33).”*

Fl-isfond ta’ din il-ġurisprudenza mhemmx dubju li meta l-konvenuti ħadu f’idejhom il-ġestjoni tan-negozju taż-żewġ ristoranti - u l-attur u l-bqija tal-impjegati baqgħu jaħdmu hemm bl-istess paga u kundizzjonijiet - kien seħħ it-trasferiment tan-negozju għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bid-drittijiet u l-obbligi kollha konsegwenzjali.

Il-Qorti tinnota wkoll li huwa paċifiku li skont il-klawsola numru 6 tal-kuntratt ta’ trasferiment tat-28 ta’ Novembru 2012 il-konvenuti assumew u ħadu fuqhom id-drittijiet u l-obbligi kollha li s-soċjeta’ J & S kellha a favur l-attur –

*“6. Third party (buyers) also assumes to take over all obligations and rights which First Party and Second Party (vendors) have in favour of Oswald Caruana;”*

Isegwi li minn dakinhar, l-obbligi u d-drittijiet kollha li kellha s-soċjeta’ J & S versu l-attur ġew assunti mill-konvenuti.

Il-ħlas rimanenti ta’ €25,000 dovuti lill-attur kienu għadu pendenti f’dak l-istadju tat-trasferiment u allura l-Qorti tqis li l-konvenuti assumew fuqhom dan l-obbligu li jħallsu tali somma huma stess lill-attur.

**Mela l-konvenuti huma deċiżament leġittimi kontradittur għat-tielet talba tal-attur.**

Madankollu, peress li skont il-ftehim oriġinali s-somma totali ta' €50,000 kellha xorta titħallas lill-attur jekk dan jitkeċċa b'mod inġust qabel it-tmiem tal-kuntratt, jeħtieġ għalhekk tiġi eżaminata r-raba' talba tal-attur sabiex jiġi stabbilit jekk it-tkeċċija kinitx waħda nġusta jew le sabiex minn hemm jiġi stabbilit jekk il-ħlas rimanenti ta' €25,000 għandux jitħallas jew le mill-konvenuti lill-attur.

**Ir-raba talba tal-attur** infatti titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti ma onorawx l-obbligi assunti minnhom mingħand is-soċjeta' J & S u b'mod illegali u abbużiv itterminaw unilateralment l-impjieg tiegħu mingħajr ebda raġuni valida hekk kif stipulat fil-liġi.

Skont **l-artikolu 36 (14) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta** –

*"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu u l-impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif provdut fis-subartikolu (10) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:*

*Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, impjegat jista' jabbanduna kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt u l-prinċipal jista' jittermina kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt kif provdut fis-subartikoli (11)u (12) jekk ikun hemm raġuni valida u ġusta għal din it-tkeċċija jew abbandun."*

Il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom diversi drabi it-tkeċċija ta' ħaddiem mill-impjieg. Fil-każ **Daniel D'Amato vs Oil Tanking Malta Ltd** intqal li:

*"L-impjieg li huwa l-għajn tal-għejxien għal ħaddiem u il-familja tiegħu huwa sagru u għalhekk tkeċċija ma tistax tingħata bħala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiża gravi tant illi meta wieħed jiżen in-nuqqas tiegħu mal-ħsara li jista' isofri il-prinċipal għal tali nuqqas, dan ixaqleb favur il-prinċipal. Huwa biss f'din iċ-ċirkostanza illi t-tkeċċija tkun ġustifikata…."*

Fil-każ **Arthur Walker vs Foster Clarks Products Limited** deċiż fit-30 t'April 2008[39] ġie ritenut li:

*"Opportunement, irid jiġi reġistrat illi l-kunċett ta' kawża ġusta u valida għat-tmiem tar-rapport ta' impjieg hu ravviżat f' dawk il-fatti u mġibiet tali li jinduċu għat-telf ta' fiduċja, anke għaliex dan hu komunement intiż bħala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport.* ***Dan dejjem b'riferiment għall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita' ta' l-allegata kondotta kolpuża u ta' kwalsiasi aspett ieħor korrelatat mar-rapport[40]."***

Imbagħad fil-każ **Charlot Scerri vs ST Microelectronics (Malta) Limited** deċiż fl-1 ta' Marzu 2006 intqal li –

*"B' mod ġenerali jidher li f' materja ta' tkeċċija mill-impjieg iridu jitħarsu dawn il-prinċipji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suġġett:-*

*(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imġieba ħażina jrid ikun speċifiku, jiġifieri għandu jkun formulat b'mod ċar ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux aċċettat allura li l-addebitu jkun bażat fuq sempliċi suspetti vagi jew ridott għall-alluzjonijiet ġeneriċi;*

*(2) Ir-reazzjoni mill-prinċipal trid tkun ukoll waħda tempestiva. Jekk xejn, biex*

[39] Appell Inferjuri Ntu 31/2007
[40] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

*tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiża immedjata, u daqstant ieħor effikaċi, biex jilqa' għall-akkużi fil-konfront tiegħu;*

*(3) Il-kontestazzjoni minn min iħaddem tesiġi, b'neċessita`, li tkun immutabbli, jiġifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bħala bażi ta' akkuża u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;*

*(4)* ***Ta' importanza, imbagħad, huwa l-prinċipju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi komminata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-għażla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport għall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` tagħha, soġġettiva u oġġettiva***[41]*."*

Fl-isfond ta' dan l-insenjament, il-Qorti tinnota li skont l-ittra ta' tkeċċija tad-9 ta' Frar 2013, l-impjieg tal-attur ġie terminat fi żmien ta' *probation* u wkoll għas-segwenti raġunijiet –

i) mankanzi gravi fl-impjieg inkluż serq u frodi konsistenti fit-talba ta' *commissions* minn diversi *suppliers*; u

ii) aġir persistenti kontra l-interess tal-employer.

Naturalment, hija norma bażika tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova.

Fl-ewwel lok id-dikjarazzjoni tal-konvenuti li t-tkeċċija tal-attur kienet qed issir waqt il-perjodu tal-*probation* hija bla ebda bażi legali stante li kif ingħad fis-suespost, in vista tat-trasferiment tan-negozju, l-attur ma ġiex meqjus li beda mpjieg ġdid mal-konvenuti iżda kien hemm kontinwita' fl-impjieg u għalhekk ma jiffigura ebda perjodu ġdid ta' *probation*.

[41] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

Fit-tieni lok, hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenuti ma rnexxielhomx iġibu provi sal-grad rikjest mill-liġi sabiex tiġi akkolta t-teżi tagħhom fir-rigward ta' dawn l-akkużi serji.

Għal dak li jirrigwarda t-talba għal ħlas tal-*commissions* jiġi nnutat li d-dokumenti esibiti huma ta' ordnijiet li għamel l-attur stess bejn Diċembru 2012 u Jannar 2013. Ukoll, għalkemm huwa minnu li hemm avarija żgħira f'uħud mill-prezzijiet fuq dan il-perjodu, il-Qorti tqis li din waħedha ma hix prova konklussiva li l-attur kien qiegħed jirċievi xi *commission* mingħand dawn l-aġenti. It-tqabbil qed isir bejn il-perjodu tal-festi tal-Milied (fejn tendenzjalment il-prezzijiet ikunu ogħla) u Jannar meta x-xogħol aktar jikkwieta. Inoltre, items ġeneriċi bħal 'fresh fish' fuq il-fatturi mhux neċessarjament ikunu qed jirreferu għall-istess tip ta' ħut u kwindi anke l-prezz jista' jvarja. Ukoll, ma ttellgħu ebda xhieda sabiex jikkorroboraw dak allegat mill-konvenuti. Din il-provi kienet tinkombi fuqhom u fuqhom biss.

Anke fir-rigward tal-allegazzjoni magħmula mill-konvenuti li l-attur kien qiegħed jabbuża mid-droga fuq il-post tax-xogħol, jew li kien qed ikun assenti minn fuq il-post tax-xogħol, il-Qorti kienet tistenna li l-konvenuti jġibu almenu prova sal-grad tal-probabilta' li dan l-abbuż seħħ u mhux sempliċiment dikjarazzjonijiet waqt ix-xhieda taghhom, anke jekk bil-gurament, minghajr provi konkreti li jissostanzjawhom.

Jiġi nnutat, u dan hu ferm inċisiv fiċ-ċirkostanzi,  li filwaqt li dawn l-allegazzjonijiet serji tressqu mill-konvenuti f'temp daqshekk qasir ta' xahrejn, ebda lment jew insinwazzjoni dwar l-attur ma ġiet murija għall-perjodu itwal li fih kien impjegat mas-soċjeta'  J & S.

Aktar minn hekk, huwa ironiku kif il-konvenuti ddikjaraw li qegħdin jitterminaw l-impjieg tal-attur minħabba n-nuqqasijiet fuq imsemmija meta f'dak l-istess perjodu huma kienu qegħdin jippruvaw jikkonvinċu lill-attur biex jibqa' magħhom imma b'pakkett finanzjarju inqas minn dak li kellu minħabba li l-qagħda finanzjarja tagħhom ma kinitx tippermetti. Kien biss meta l-attur ma riedx jaċċetta  tnaqqis fil-pakkett finanzjarju tiegħu li r-relazzjoni bejn il-partijiet jidher li ma baqgħetx daqshekk tajba. Fil-fehma tal-Qorti u minn dak li rriżulta mill-provi, l-veru motiv il-għala l-konvenuti effettivament waqqfu lill-attur mill-

impjieg kien għax hu ma riedx jaċċetta li jnaqqsulu l-pakkett finanzjarju u xejn aktar. Altrimenti kif ingħad ma nġabet prova oħra li turi l-kuntrarju.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma ssib ebda raġuni valida li tiġġustifika t-tkeċċija tal-attur minn fuq il-post tax-xogħol.

**Ir-raba' talba tal-attur sejra għalhekk tintlaqa'.**

Ukoll, in vista ta' dak appena deċiż, ġjaladarba huwa meqjus li l-attur tkeċċa nġustament, il-konvenuti għandhom iħallsuh il-€25,000 rimanenti dovuti lilu skont il-ftehim oriġinali.

**It-tielet talba tal-attur sejra għalhekk tiġi milqugħa.**

**Sejrin għalhekk jiġu miċħuda t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti.**

**4. <u>Ħlas tal-paga ta' Jannar 2013</u>**

Fil-**ħames talba** l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-paga dovuta f'Jannar 2013 għax-xogħol ta' *Head Chef*.

Il-Qorti tqis li din it-talba ġiet suffiċjentament pruvata. L-attur kien baqa' ma tħallasx fl-aħħar xahar li ħadem mal-konvenuti. L-ammont dovut inkluż il-*commission* ta' 7% fuq il-bejgħ kien ilaħħaq is-somma ta' €1,380 liema somma dovuta kienet saħansitra ġiet miktuba a favur l-attur f'ċekk maħruġ lilu mill-konvenuti datat 1 ta' Frar 2013 u li għal raġunijiet magħrufa biss lill-konvenuti, għamlu *stop payment* fuqu.

Il-ħlas għax-xogħol li għamel il-konvenut f'Jannar 2013 irid isir u għalhekk **il-Qorti tilqa' din il-ħames talba għas-somma ta' €1,380.**

**5. <u>Ħlas ta' salarju rimanenti sa tmiem il-kuntratt</u>**

Fis-**sitt talba** l-attur qed jitlob il-ħlas tas-salarju rimanenti minn meta huwa ġie llegalment itterminat mill-impjieg tiegħu sa meta jagħlaq il-kuntratt definit tiegħu.

Skont **l-arikolu 36(11) tal-Kap 452** -

*"Prinċipal li jittermina kuntratt ta' impjieg ta' impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem."*

Fiċ-ċirkustanzi t-talba tiegħu hija ġustifikata.

Skont **artikolu 2 tal-Att** -

*""paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;"*

Dan ifisser li *allowance* bħal ma hi l-*commission* ta' 7% li kien jirċievi l-attur fuq il-bejgħ tal-ikel fir-ristoranti hija eskluża mill-kalkolu tal-kumpens dovut.

Peress li l-attur kien oriġinarjament ġie impjegat mas-soċjeta' J & S għal tlett snin u nofs b'effett mill-1 ta' Frar 2012, dan ifisser li l-kuntratt tiegħu kien jiskadi fil-31 ta' Lulju 2015.

Peress li l-attur tkeċċa mill-impjieg mill-konvenuti b'effett mill-1 ta' Frar 2013 huwa kien ikun fadallu terminu ta' sentejn u nofs fl-impjieg li kieku ma tkeċċiex. Skont il-liġi għalhekk huwa għandu jitħallas nofs il-paga dovuta għall-dak il-perjodu.

Huwa paċifiku li l-paga tal-attur kienet tammonta għal €900 fil-ġimgħa, ergo €3,600 fix-xahar. Kwindi għall-perjodu ta' 30 xahar rimanenti sat-tmiem tal-kuntratt, nofs il-paga tammonta għal €54,000.

**Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' s-sitt talba tal-attur għas-somma ta' €54,000.**

**6. Ħlas ta' danni**

Fit-**talba numru 7** l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni kawżati mill-aġir illegali tal-konvenuti.

Il-Qorti tinnota li l-attur mhux biss ma ta ebda dettalji dwar x'kienu dawn l-allegati danni talli f'ebda ħin ma kkwantifikahom jew ġab prova tagħhom dan nonostante l-fatt li b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta[42] kellu tlettin jum biex jippresenta prospett bid-danni pretiżi.

**Għalhekk din it-talba sejra tiġi miċħuda filwaqt li sejra tintlaqa' l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti safejn kompatibbli ma' dak appena deċiż.**

[42] Folio 9

Fid-dawl tal-konklużjonijiet kollha raġġunti dwar it-talbiet tal-attur, il-Qorti sejra tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonjiet tal-konvenuti, u għall-istess raġunijiet tiċħad il-kontro-talba tagħhom filwaqt li sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat safejn kompatibbli ma' dak deċiż illum.

**Għall-dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza dwar l-azzjoni prinċipali tal-attur filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħhom;**

**2. Tilqa' limitatament l-ewwel żewġ talbiet safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza u tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-attur is-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) rappreżentanti kumpens miftiehem bejniethom b'riżultat tat-trasferiment tal-kummerċ ta' żewġ ristoranti ġewwa l-Valletta Waterfront bl-ismijiet ta' *Browns Kitchen* u *Browns Dine and Dance*;**

**3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-attur is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) bilanċ minn somma akbar rappreżentanti dejn dovut lilu b'rabta mal-impjieg tiegħu bħala *Head Chef* fir-ristoranti Browns Kitchen u Browns Dine and Dance ġewwa l-Valletta Waterfront;**

**4. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;**

**5. Tilqa' l-ħames talba u tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu s-somma ta' elf tlett mija u tmenin Ewro (€1,380) lill-attur bħala paga dovuta għax-xahar ta' Jannar 2013 għax-xogħol tiegħu bħala *Head Chef* fir-ristorant msemmija;**

**6. Tilqa' s-sitt talba u ai termini tal-artikolu 36(11) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex iħallsu lill-attur is-somma ta' erbgħa u ħamsin elf Ewro (€54,000) rappreżentanti l-bilanċ rimanenti minn meta ġie llegalmemt terminat l-impjieg tiegħu sa meta għalaq il-kuntratt ta' servizz;**

**7. Tiċħad is-seba' talba tal-attur;**

**8. Tiċħad il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza.**

**9. Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**